**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL. D., Mag.Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**-vs-**
**Matthew Camilleri detentur tal-Karta ta' l-Identità nru.529286M**

*Kumpilazzjoni Nru. 635/2020*

Illum, **30 ta' April, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Matthew Camilleri** u ċioè`:

1. Talli fit-12 ta' Novembru 2020, għal ħabta ta' bejn it-19:40 Hrs u t-19:50 Hrs ta' filgħaxija ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' "Ta' Xmun Confectionery" sitwat ġewwa Triq Guże Orlando, Birkirkara, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Ronald Borg u Diane Abela u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli nhar it-12 ta' Novembru, 2020 għall-ħabta ta' bejn is-19:15 Hrs u s-19:20 Hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "The Convenience Shop" li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, bil-ħsieb li jisirqu mill-istess ħanut, ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' serq liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Jennifer Agius u/jew tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

3. Talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' "cash drawer," liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Jennifer Agius u/jew tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli nhar l-14 ta' Novembru, għall-ħabta ta' bejn l-21:40 Hrs u l-21:50 Hrs minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem "The Convenience Shop" li jinsab fi Triq il-Wied ġewwa Balzan, bil-ħsieb li jisirqu mill-istess ħanut, ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' serq, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Ishaq Khalid u Brual Braxton Catungal u/jew tas-sidien tal-imsemmi ħanut u/jew persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli nhar is-16 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-gżejjer, xjentement issopprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat;

6. Talli nhar is-17 ta' Novembru 2020, għall-ħabta ta' bejn is-18:15 Hrs u s-18:45 Hrs, ġewwa Triq San Albert, Gżira u fl-akkwata tal-madwar, bħala persuna miżmuma skont il-liġi, ħarab mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuna inkarigati mill-kustodja tiegħu, ċioè` PS 1255 Christian Azzopardi u PC 1087 Roderick Redent Degiorgio;

7. Talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 1087 Roderick Redent Degiorgio, li huwa persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-Liġi mill-Awtorità kompetenti;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, hedded lil PS 1255 Christian Azzopardi u lil PC 1087 Roderick Redent Degiorgio li huma inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew tinfluwixxi fuqhom skond il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma ħalliex jew fixkel lil PS 1255 Christian Azzopardi u lil PC 1087 Roderick Redent Degiorgio li huma Uffiċjali tal-Pulizija, inkarigati skond il-liġi minn Servizz Pubbliku, waqt li kienu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirhom billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li għamlu skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra;

10. U aktar fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. fid-digriet tagħha fid-9 t'April 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

11. U aktar fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Joseph Mifsud LL.D. fid-digriet tiegħu fl-24 ta' Jannar 2020 li bih ta il-ħelsien mill-arrest;

12. Fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħti fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D., datata 22 ta' Jannar 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

13. U aktar talli nhar l-20 ta' Novembru 2020 fid-09:00 Hrs, naqas milli jidher fl-uffiċju tal-Ispettur Stephen Gulia ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja nhar it-18 ta' Novembru 2020;

14. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija kontrih, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Settembru, 2023,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bi proċedura sommarja kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(b), 267, 270, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263(b), 267, 270, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(b), 267, 270, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263(b), 267, 270, 278(2), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.602-603

5. Fl-Artikoli 111(2)(a), 151, 160, 96(a), 95, 338(ee), 355AL(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B, 533, 579(1), 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Settembru, 2023, l-imputat taha l-kunsens tiegħu biex il-każ jissokta u jiġi trattat bi proċedura sommarja minn din il-Qorti;[2]

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-26 t'April, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

Mill-**Current Incident Report**, datat 12 ta' Novembru, 2020,[3] irriżulta illi fit-19:50hrs l-Għassa ta' Birkirkara ġew infurmati mill-*Control Room* dwar serqa li kienet għadha kif seħħet ġewwa Ta' Xmun Confectionery, fi Triq Ġuże Orlando, Birkirkara. Pulizija mill-Għassa ta' Birkirkara marru minnufih fuq il-post fejn ġie stabbilit li ma kienet intużat l-ebda arma jew vjolenza iżda kienu nsterqu xi flus kontanti minn *cash register* li ma kienx kustodit. L-unika impjegata fil-ħanut dak il-ħin, Diane Abela, spjegat kif ftit qabel, madwar it-19:45hrs, kienet daħlet tfajla, b'xagħarha twil, lixx u iswed, mhux twila ħafna, irqieqa, bajdanija u liebsa *face mask* minħabba l-Covid-19. Talbet lill-kaxxiera *tabs* tad-*dishwasher*. L-impjegata marret tassistiha u wrietha fejn kienu fuq wara tal-ħanut. It-tfajla qaltilha li xtaqet pakkett iżgħar u għalhekk telqet mingħajr ma xtrat xejn. Dak il-ħin, l-impjegata semgħet ħoss u meta ħarset lemħet *tray* tal-*flapjacks* mal-art quddiem il-*counter*, waqt li rat figura bil-*hood* ħierġa 'l barra

[2] Fol.604
[3] **Dok.LZ2** a fol.77 et seq

mill-ħanut. Ma setgħetx tagħti deskrizzjoni ta' dik il-persuna, lanqas jekk kienx raġel jew mara, għax lemħitu minn wara kif kien ħiereġ. Intebħet li kienu ttieħdu xi flus kontanti mill-*cash register* u ċemplet fil-pront lill-imgħallem li aktar tard ikkonferma li kienu **nsterqu sebgħa mija u tletin Ewro (€730).**

Mill-filmati tas-sigurtà ġie nnotat illi fit-19:41:52hrs daħal ġuvni twil madwar 5"9, kemmxejn mibrum, idejh mikxufin, liebes *surgical mask, baseball cap* ta' lewn *maroon,* bil-kliem abjad 'ARMANI EXCHANGE' fuqha, *hoodie* griż bil-kmiem twal bil-kliem blu skur '*Pull & Bear,' jeans* blu u papoċċ iswed bl-istrixxi bojod fil-ġnub. Il-ġuvni dar madwar il-ħanut, mar fuq in-naħa ta' wara u mbagħad fit-19:44:30hrs ħa *ice tea* u resaq fuq il-*counter* biex iħallas. Deher iħares kontinwament lejn il-*cash register.* Ħallas u ħareġ mill-ħanut. Fit-19:46:08hrs dehret dieħla t-tfajla li marret fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut u għajtet lill-kaxxiera li marret hdejha. Fit-19:47:13hrs dak l-istess ġuvni reġa' daħal fil-ħanut, din id-darba bil-kappa tal-*hoodie* mtella' fuq rasu. Mar quddiem il-*counter,* daħħal rasu mill-fetħa tal-*perspex,* fetaħ il-kexxun tal-*cash register* u ħataf ammont ta' flus. Kif resaq lura, b'żaqqu waqqa' *tray* li kien fih il-*flapjacks,* mal-art. Ħareġ mill-ħanut u dar fuq ix-xellug. Fl-istess ħin, it-tfajla dehret ħierġa b'pass mgħaġġel, baxxiet u ġabret *flapjack* minn dawk li kienu waqgħu mal-art u ħarġet barra fejn reġgħet baxxiet u ġabret xi ħaġa, x'aktarx karta tal-flus, li kienet waqgħet lill-ġuvni.[4]

**PS3 Kevin Grima** kkonferma dan ir-rapport.[5]

Minn **<u>Current Incident Report</u>** ieħor datat 13 ta' Novembru, 2020,[6] irriżulta li Jennifer Agius, impjegata mal-*Convenience Shop* fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, marret l-Għassa tal-Ħamrun tirrapporta illi l-ġurnata ta' qabel, ċioè` fit-12 ta' Novembru, għall-ħabta tas-19:15hrs, daħlet persuna femminili fil-ħanut. Kienet liebsa *boots* kannella, *jeans* u flokk. Talbet l-assistenza tal-impjegata biex iġġib xi prodott minn fuq xkaffa għolja. Wara li assistiet lill-mara u telqet, l-impjegata marret lura ħdejn il-*cash register* u ntebħet li wieħed mill-kxaxen ma kienx hemm u rat il-*wires* maqlugħin. Is-s*ecurity* tal-kumpanija ċċekkja l-filmati u ra illi fil-ħin tas-19:17hrs dehret persuna maskili dieħla ġol-ħanut, liebes beritta ħamra tad-ditta 'ARMANI EXCHANGE', flokk griż tad-ditta '*Pull and Bear*', maskra blu u *jeans.* Deher jerfa' l-*cash,* jaqla' l-wires u joħroġ bih mill-ħanut fis-19:18. Agius qalet li skontha, ma kienx hemm flus fil-*cash* li nsteraq.[7]

---

[4] Fol.78-79
[5] Fol.214
[6] **Dok.LZ1** a fol.88 et seq
[7] Fol.74

**Current Incident Report** ieħor, datat 14 ta' Novembru, 2020[8] kien jgħid li dakinhar kienet daħlet telefonata ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara għall-ħabta tal-22:00 minn ċertu Omar Fertate, *manager* tal-*Convenience Shop* f'Ħal Balzan li rrapporta li xi ħadd b'*hoodie* kien ipprova jisirqu. Meta l-pulizija marru fuq il-post, Fertate spjegalhom illi kien irċieva telefonata minn kollega li qallu li kien daħal raġel li pprova jisraq mill-*cash till* u heddu b'sikkina. Malli l-*manager* wasal fuq il-post, l-aggressur telaq u rikeb ġo karozza tal-għamla Peugeot, kulur silver bin-numru CCF804. Wieħed miż-żewġ impjegati li kienu fil-ħanut, spjega illi hu kien ra lis-suspettat minn fuq il-*camera* waqt li kien qiegħed jgħodd il-flus fuq ġewwa tal-ħanut. Is-suspettat kien qiegħed jipprova jisraq mill-*cash till.* X'ħin ħareġ biex jaffrontah, beda jheddu li kellu sikkina u li kien se jużaha. Sadattant, l-impjegat ċempel lill-*manager.* L-impjegat l-ieħor qal illi aktar kmieni kienet daħlet mara li talbitu l-assistenza biex iġġib pakkett *nappies* minn fuq xkaffa għolja. Sakemm mar jgħinha, sema' lill-kollega jgħajjat ma' klient maskili li kien ipprova jisraq il-*cash.* Malli wasal il-manager, is-suspettat u t-tfajla ħarbu minn fuq il-post.

Skond l-istess rapport, esperta mit-Taqsima Forensika tal-pulizija qalet li ma setgħux jiġu elevati *fingerprints* minħabba li fejn seħħ l-inċident seta' kien kontaminat.[9]

**PS1526 Charlon Borg** ikkonferma r-rapport redatt minnu.[10]

Xhieda

**L-Ispettur Lydon Zammit** xehed illi fl-14 ta' Novembru, 2020 għall-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija waqt li kien *duty* is-CID, ġie infurmat li ġewwa l-*Convenience Shop* fi Triq il-Wied, Ħal Balzan, kienet għadha kif daħlet persuna maskili li pprovat tisraq il-*cash drawer* u li l-istess persuna ġiet imwaqqfa minn ħaddiem li kien preżenti fil-ħanut. Is-suspettat kien qal lill-impjegat li kien qiegħed iġorr sikkina u heddu biha. Malli wasal fuq il-post ix-xhud ikkonferma li fl-inċident kienet involuta wkoll mara li ma kellhiex sehem attiv fis-serqa iżda li r-rwol tagħha kien li taljena lill-ħaddiema. Ix-xhud ikkonferma wkoll li ż-żewġ suspettati kienu telqu minn fuq il-post b'vettura tal-għamla Peugeot. Wieħed mill-impjegati, Braxton Catungal Brual, qallu li kienet daħlet persuna femminili, żgħira fl-eta`, u baqgħet sejra fuq wara tal-ħanut. Talbitu jgħinha tniżżel pakkett *nappies* minn fuq xkaffa. Kif mar biex jassistiha, sema' lill-kollega tiegħu li kien ġo uffiċċju fuq wara tal-ħanut, jgħajjat u jiġri fid-direzzjoni tal-*cash* li qiegħed fin-naħa ta' quddiem tal-ħanut. Ra lill-

[8] **Dok.LZ5** a fol.84 et seq
[9] Fol.87
[10] Fol.286

kollega tiegħu jissara ma' persuna maskili li qallu li kellu sikkina u qallu biex iħalluh jitlaq. Dak il-ħin, il-mara li kienet daħlet qabel, ħarġet minn ġol-ħanut. Ir-raġel li daħal biex jisraq, telaq ukoll. L-impjegat l-ieħor, Khalid Ishaq, spjega lill-ispettur Zammit illi hu kien qiegħed fl-uffiċju fejn għandhom is-CCTVs meta lemaħ fuq is-CCTV lil raġel li kien qed jipprova jisraq il-*cash register* minn wara, billi ntefa' fuq il-*counter.* Meta mar iwaqqfu, dan ir-raġel heddu b'sikkina iżda ż-żewġ impjegati kkonfermaw li fl-ebda ħin ma raw xi sikkina. Ix-xhud ikkonferma permezz tas-CCTV li fl-ebda mument ma dehret sikkina waqt l-inċident. Il-*manager* tal-ħanut, Omar Fertate, li kien joqgħod fil-qrib, mar jiġri fuq il-post malli wieħed mill-impjegati ċempillu biex jgħidlu x'kien qed jiġri. X'ħin wasal, ra persuna liebsa *hoodie* ħierġa mill-ħanut. Fertate qal li kien ra raġel u mara jitilqu minn fuq il-post ġo Peugeot silver bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF 804. Mis-sistema tal-pulizija irriżulta li dik il-karozza kienet tgħajjat lil ċertu Elton Brincat.

Ix-xhud kompla jispjega illi kien irriżultalu li jumejn qabel, ċioè` fit-12 ta' Novembru, 2020, kienu seħħew żewġ serqiet oħra simili, fejn l-ewwel kienet tidħol mara ġol-ħanut biex ittellef l-attenzjoni tal-ħaddiema, imbagħad jidħol raġel u jipprova jisraq mill-*cash register.* F'każ minnhom kienu nsterqu xi flus.

L-ewwel każ kien seħħ f'*The Convenience Shop,* ġewwa Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, fejn daħlet mara u talbet lill-impjegata biex iġġibilha xi prodott minn fuq xkaffa. Meta l-impjegata irritornat wara l-*counter* sabet il-kexxun tal-*cash register* nieqes. Mill-ewwel infurmat lill-*manager.* Fuq is-CCTV tal-ħanut, deher raġel liebes *t-shirt* griż bil-marka '*Pull and Bear*' jieħu l-kexxun u jitlaq minn fuq il-post.

It-tieni serqa seħħet fil-ħanut bl-isem Ta' Xmun Confectionery, fi Triq Ġuże Orlando, Birkirkara, madwar nofs siegħa wara l-ewwel inċident. Impjegata tal-ħanut spjegat li waqt li kienet qiegħda taqdi persuna femminili li talbitha xi *dishwasher tablets* li kienu jinsabu fuq wara tal-ħanut, persuna maskili daħal u ħa l-flus minn wara l-*counter.* Sid il-ħanut ikkonferma li dak il-ħin kien hemm madwar seba' mija u tletin Ewro flus kontanti ġol-*cash register.*

Ix-xhud kompla jispjega illi **s-CCTVs mit-tliet ħwienet ikkonfermaw li ż-żewġ persuni li daħlu fil-ħwienet kienu l-istess tnejn fit-tliet inċidenti**. Barra minn hekk, kien jidher li ntużat l-istess vettura griża li kellha l-bieba tax-xufier sewda.

Il-persuna femminili li daħlet l-ewwel fil-ħwienet ġiet identifikata bħala Sarah Zammit peress li kienet magħrufa mal-pulizija. Intalbu mandati t'arrest fil-konfront ta' Zammit, kif ukoll fil-konfront ta' sid il-vettura, ċertu Elton Brincat u ċertu Moghrabi Mahmud li, skond informazzjoni li kellha l-pulizija, seta' jkun

ma' Zammit. Dan tal-aħħar ġie rilaxxat peress illi rriżulta li ma kellu xejn x'jaqsam ma' dawn l-inċidenti.

Brincat spjega mal-pulizija illi fit-12 u fl-14 ta' Novembru filgħaxija kien taha l-vettura tiegħu lil ċertu Matthew Camilleri li kellu jagħtih xi flus. Camilleri kien qallu li kellu bżonn il-vettura biex imur iġib flus mingħand iz-zija biex jagħtihomlu. Fil-frattemp, Brincat baqa' jistenna fir-residenza ta' Camilleri ġewwa l-Gżira. *Localisation data* in konnessjoni mal-*mobile* ta' Brincat, ikkonfermat dak il-fatt kif ukoll illi kienu għaddew xi messaġġi bejn Brincat u Camilleri waqt li dan tal-aħħar kien bil-vettura tal-ieħor. F'dawk il-messaġġi Brincat talbu biex jirritornalu l-karozza u saqsieh kemm se jdum.

Meta ġiet arrestata Zammit u ttieħed il-*mobile* tagħha, ġie kkonfermat li fl-14 ta' Novembru, eżattament fl-21:44hrs, jiġifieri fil-ħin li kienet qed issir is-serqa mill-ħanut ta' Ħal Balzan, in-numru ta' Camilleri kien għamel kuntatt man-numru ta' Zammit. Barra minn hekk, in-numru ta' Camilleri ġie lokalizzat ġewwa Ħal Balzan fl-akkwati tal-Knisja li tinsab qrib il-*Convenience Shop* ġo Triq il-Wied. Fis-CCTV tal-ħanut dehret persuna femminili dieħla ġol-ħanut waqt li kienet qed titkellem fuq il-mobile u persuna maskili tistenna fuq barra, wkoll titkellem fuq mobile. Imbagħad ir-raġel ukoll daħal ukoll ġol-ħanut. Ix-xhud kompla jispjega illi fit-12 ta' Novembru, qabel ma seħħew l-ewwel żewġ serqiet, kien hemm diversi kuntatti bejn in-numri ta' Camilleri u Zammit.

L-ispettur kompla jixhed illi fit-tliet inċidenti, il-persuna maskili kienet liebsa *baseball cap* b'kuluri partikolari u b'diżinn partikolarissimu. Il-pulizija kellha f'idejha ritratt minn CCTV miġbur minn fergħa tal-*Bank of Valletta,* in konnessjoni ma' investigazzjoni preċedenti, li fih kien jidher Camilleri liebes beritta identika għal dik milbusa mis-suspettat fil-każ odjern. F'dak ir-ritratt Camilleri kellu wiċċu kompletament mikxuf peress illi kien mitlub jinża l-beritta.

Fis-16 ta' Novembru, meta l-pulizija marru jesegwixxu mandat ta' arrest fir-residenza ta' omm Camilleri ġewwa l-Gżira, l-imputat ma kienx hemmhekk. Peress illi x-xhud kellu informazzjoni li Camilleri seta' kien qed jgħix ġo garaxx ftit bogħod mir-residenza t'ommu, missier l-imputat akkumpanja lill-pulizija ġewwa dak il-garaxx li kien konvertit f'appartament. Ix-xhud spjega li kien jidher li donnu kien hemm xi ħadd li telaq mill-post bl-għaġġla. Il-pulizija marru fuq wara tal-garaxx li kien jagħti għall-iskola primarja, iżda l-imputat ma nstabx. Missieru beda jċempillu u jgħidlu li kien hemm il-pulizija, iżda hu baqa' jirrifjuta li jmur. Aktar tard wara nofsinhar, l-istess imputat ċempel lill-pulizija biex jinfurmahom li kien qiegħed quddiem ir-residenza tiegħu fil-Gżira u li setgħu jmorru jarrestawh hemmhekk.

Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat nnega għal kollox l-involviment tiegħu f'dan is-serq. Qal li Brincat kien ħadlu l-mobile. Ċaħad li qatt għamel użu mill-vettura tal-istess Brincat. Rigward Sarah Zammit, qal li kien jafha fuq *Facebook* iżda fl-ebda ħin ma kienet miegħu. Baqa' jinsisti illi kellu mobile ieħor li permezz tiegħu seta' jipprova li ma kellux x'jaqsam ma' dan is-serq. Għalhekk l-ispettur ordna lil PS 1255 u PC 1087 biex jeskortaw lill-imputat fir-residenza tiegħu biex iġib dak il-mobile. Iżda x'ħin waslu l-garaxx, l-imputat beda jgħid liż-żewġ uffiċjali li l-bieb ma kienx qed jitla'. Qalilhom li kien hemm *lever* fuq ġewwa biex ikun jista' jgħollih. Kif il-pulizija tawh il-permess biex jidħol jgħolli l-*lever,* Camilleri rrombla minn taħt il-bieb u għalqu warajh. Peress li kellhom suspett li seta' ħarab min-naħa ta' wara, PC 1087 telaq jiġri lejn l-iskola li tinsab fuq wara tar-residenza tal-imputat u hemmhekk lemaħ dell. Dak il-ħin kienu madwar il-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar u suppost ma kien hemm ħadd ġo l-iskola. Ftit minuti wara, l-imputat reġa' ġie arrestat ġewwa l-*grounds* tal-iskola.

Meta x-xhud wasal fuq il-post, sab familjari tal-imputat li ħolqu kommossjoni għaliex bdew jallegaw li kien issawwat mill-pulizija. L-imputat ittieħed fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u minn hemm kien riferut għall-Isptar Mater Dei. Peress li nżamm l-isptar, hu ngħata l-*police bail* għall-20 ta' Novembru. Iżda l-pulizija ġew infurmati li l-imputat kien ħarab mill-isptar madwar għoxrin minuta wara li ġie rikoverat.

Fl-20 ta' Novembru, 2020, meta suppost kellu jirraporta d-depot fid-9:00am, l-imputat ma feġġx. Fid-9:35am, ċempel lix-xhud biex jinformah li ma kellux trasport u fil-10:40am, irrapporta fil-kwartieri tal-pulizija. L-imputat tressaq il-Qorti taħt arrest nhar l-20 ta' Novembru, 2020. Sarah Zammit tressqet separatament, fejn wieġbet ħatja tal-akkużi u ngħatat sentenza.

In kontro-eżami, l-Ispettur Zammit spjega illi l-imputat kien l-ewwel stqarr li l-mobile kien seraqulu Brincat, iżda mbagħad qal li kien ħadulu bħala garanzija ta' xi dejn. Stqarr ukoll li kien għamel *diversion* tal-*calls* u l-messaġġi fuq mobile ieħor. Rigward Elton Brincat, ix-xhud qal illi mill-investigazzjoni li saret ma rriżulta fl-ebda ħin li kien involut f'dawn is-serqiet. [11]

**Spettur Stephen Gulia** xehed dwar kif il-pulizija kienu infurmati dwar serqa li kien hemm ġewwa *The Convenience Shop* fi Triq il-Wied, Ħal Balzan nhar l-14 ta' Novembru, 2020. Meta rrikorrew fuq il-post, il-pulizija tkellmu ma' żewġ impjegati li spjegaw kif l-ewwel kienet daħlet mara ta' madwar għoxrin, tletin sena li talbet l-assistenza biex iġġib xi ħrieqi tat-tfal minn fuq xkaffa fl-aktar post fil-fond tal-ħanut. Dan kien għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta'

[11] Verbal a fol.59-60. Xiehda a fol.61-72

filgħaxija. Sakemm wieħed mill-impjegati mar jassistiha, sieħbu li kien ġo uffiċju jgħodd il-flus, lemaħ fuq is-CCTVs li kellu quddiemu, persuna maskili jipprova jiftaħ il-kexxun tal-*cash register.* Hu immedjatament mar jaffronta lil dan ir-raġel u rnexxielu jwaqqfu milli jisraq. L-istess impjegat stqarr illi dak ir-raġel allegatament heddu b'sikkina li kellu taħt il-ġakketta, iżda dik is-sikkina ma dehret qatt. Fil-frattemp, ġie infurmat l-imgħallem tal-ħanut li kien jgħix fil-qrib. Fil-fatt, l-istess imgħallem lemaħ lill-aggressur, liebes *hoodie* ħamra, jaħrab minn fuq il-post b'vettura bin-numru CCF804.[12]

Mill-investigazzjonijiet irriżulta illi dik il-vettura kienet irreġistrata f'isem ċertu Elton Brincat. Irriżulta wkoll illi kienu seħħew żewġ serqiet oħra jumejn qabel minn żewġ ħwienet, wieħed *Convenience Shop* f'Santa Venera u l-ieħor Ta' Xmun Confectionery f'Bkara. Irriżulta illi fit-tliet inċidenti, l-*modus operandi* kien dejjem l-istess. Minn aktar stħarriġ fuq is-CCTVs, irriżulta illi l-mara kienet qiegħda tidħol l-ewwel biex isservi ta' distrazzjoni għall-ħaddiema fil-ħanut.[13]

Hi ġiet identifikata bħala Sarah Zammit. Il-pulizija talbu mandati ta' arrest fil-konfront ta' l-istess Zammit, sid il-vettura u dak li jidher li kien il-*partner* ta' Zammit, ċertu Mughrabe Mahmud.[14]

Waqt l-interrogazzjoni, Brincat qal illi l-vettura kienet ipparkjata viċin ir-residenza tiegħu f'Marsascala. Fil-fatt, aktar tard il-pulizija sabu l-vettura numru CCF804 bil-bieba sewda fuq in-naħa tax-xufier u b'hekk ikkonfermaw li kienet l-istess waħda li dehret fil-filmati. Saru xi eżamijiet forensiċi fuqha u ġie konfiskat *mobile* tal-għamla Nokia għal aktar investigazzjoni. Brincat stqarr illi hu kien issellef dik il-vettura b'mod regolari lill-imputat li kien ilu jaf għal diversi xhur. Qal illi kienu jagħmlu użu mid-droga flimkien. Qal illi fl-14 ta' Novembru għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija, kien mar għand l-imputat fir-residenza tiegħu fil-Gżira. Kien sellfu l-karozza u baqa' jistennih hemmhekk sakemm irritorna għall-ħabta tal-għaxra u nofs. Brincat stqarr illi kien sellef il-karozza lill-imputat fit-12 ta' Novembru għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija u rritornahielu sigħat wara. In-numru ċellulari li bih kien jikkomunika mal-imputat, irriżulta li kien l-istess wieħed reġistrat f'isem l-imputat u ċioè 99665188.[15]
**Minn localization data rriżulta li dan il-mobile kien fl-akkwati tal-postijiet li fihom saru s-serqiet.**

---

[12] Fol.557-558

[13] Fol.558-559

[14] Fol.559

[15] Fol.559-560

Ġie mitkellem ukoll Mughrabe Mahmud li stqarr illi kien jaf kemm lil Zammit kif ukoll lill-imputat. Qal ukoll illi kien jaf li *"kienu qed iħawdu bejniethom."* Kien jaf ukoll illi Brincat kien is-sid ta' dik il-vettura partikolari. Irriżulta illi kemm Brincat u kemm Mughrabe ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' dawn l-inċidenti ta' serq. [16]

Meta fis-16 ta' Novembru, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, l-pulizija marret biex teżegwixxi mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu fil-Gzira, ma fetaħx. Missieru fetħilhom il-garaxx li kien konvertit f'appartament u daħal magħhom ġewwa, iżda l-imputat ma kienx hemmhekk.

Dak il-ħin, il-pulizija għamlu kuntatt mal-imputat fuq in-numru li kienu għamlu stħarriġ fuqu. L-imputat weġibhom u b'hekk ikkonfermaw li kien qed jagħmel użu minn dak in-numru tal-*mobile.* Dakinhar, l-imputat ma kienx iffirma ġewwa l-Għassa ta' Tas-Sliema kif kien obbligat jagħmel. Aktar tard, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs, l-istess imputat ċempel lill-pulizija biex javżahom li kien qiegħed quddiem ir-residenza tiegħu.[17]

Waqt l-interrogazzjoni, l-imputat ċaħad kull involviment f'dan is-serq u qal illi fir-residenza tiegħu kellu *mobile* ieħor li seta' jiskolpah minn kull serqa. Għalhekk, PS 1255 u PC 1087 ġew ordnati jeskortaw lill-imputat biex iġib l-imsemmi *mobile.* Iżda meta marru fuq il-post, wara li qal liż-żewġ uffiċjali li l-bieb tal-garaxx kellu xi ħsara, ħasadhom, irrombla taħt il-bieb u għalqu warajh. Ftit minuti wara, l-imputat inqabad ġewwa l-*ground* tal-Gzira li jmiss ma' skola li tiġi wara r-residenza tal-imputat. Familjari tal-imputat li marru fuq il-post, bdew jallegaw li Camilleri ġie msawwat mill-pulizija. Minħabba tali allegazzjonijiet, l-imputat ittieħed il-Berġa tas-Saħħa tal-Furjana u minn hemm fl-Isptar Mater Dei fejn inżamm minħabba xi uġiegħ li allegatament beda jħoss. Għalhekk, kellu jingħata l-*police bail* sabiex imur id-depot fl-20 ta' Novembru. Għoxrin minuta wara, l-imputat ħarab mingħajr ma nforma lill-awtoritajiet tal-isptar.[18]

Ix-xhud kompla jispjega illi dakinhar li l-imputat kellu jirrikorri għand il-pulizija fuq *police bail,* ma kienx mar fil-ħin. Kien biss xi siegħa u nofs fuq il-ħin li l-imputat feġġ fl-uffiċini tal-investigaturi.[19]

---

[16] Fol.560

[17] Fol.560-561

[18] Ibid.

[19] Fol.562

Kompla jispjega illi fis-16 ta' Novembru, ġiet arrestata Sarah Zammit. Jumejn wara ġiet imressqa l-Qorti fuq akkużi relatati ma' dawn is-serqiet. Hi ammettiet u xehdet dwar kull involviment tagħha kif ukoll tal-imputat fl-istess serq.[20]

**Elton Brincat** xehed illi hu kien is-sid ta' karozza tal-għamla <u>Peugeot silver numru ta' reġistrazzjoni CCF 804, bil-bieba tax-xufier sewda.</u> Spjega illi wara li sellef il-karozza lill-imputat, kienu arrestawh il-pulizija għax allegaw li kien għamel xi reat biha. Ix-xhud ċaħad dan. Qal illi kien sar jaf lill-imputat meta t-tnejn kienu l-ħabs xi sentejn qabel. Kienu reġgħu iltaqgħu barra wara li ħabiba tiegħu, jisimha Sarah, darba waħda qaltlu li Camilleri sella għalih u xtaq ikellmu. Wara dakinhar, l-imputat stieden lil Brincat fir-residenza tiegħu ġewwa l-Gżira.

Darba oħra, l-imputat qallu biex imur id-dar tiegħu. Talbu biex jisilfu l-karozza sabiex ikun jista' jmur iġib xi flus mingħand oħtu u b'hekk ikun jista' jħallas xi dejn li kellu ma' l-istess Brincat. Dakinhar, l-imputat ħa l-karozza tax-xhud u dam ma rritorna xi siegħa u nofs. Meta wasal lura, tah xi ħaġa mill-flus li kellu jagħtih. Darb'oħra l-imputat reġa' talab lix-xhud biex isellfu l-karozza sabiex imur iġib xi flus mingħand ħuh. Ix-xhud spjega li dawn iż-żewġ episodji seħħew wara s-sitta ta' filgħaxija. Sakemm kien qed jistenna fir-residenza tal-imputat, ix-xhud bagħatlu xi messaġġi. Kompla jispjega li l-imputat ma qabdux meta pprova jċempillu u għalhekk bagħatlu l-messaġġi biex jara kemm kien se jdum.

Ix-xhud qal illi l-imputat u Sarah kienu ħbieb u li darba kien inzertaha fid-dar tal-imputat. Kompla jispjega li dik kienet l-ewwel darba li mar id-dar tal-istess imputat. Ix-xhud insista illi ma kienx jaf x'qed isir bil-karozza tiegħu kull darba li sellifha lill-imputat.

In kontro-eżami, Brincat qal illi l-imputat kellu jagħtih fuq tliet mija (€300) u insista li dan kien self. Ċaħad illi hu kien ħa l-mobile tal-imputat bħala garanzija ta' dejn u ċaħad wkoll illi dawk il-flus kienu ħlas għal xi droga.[21]

**Stephen Cachia,** in rappreżentanza tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta, xehed ikkonferma illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF 804, għamla Peugeot 207 silver, kienet irreġistrata fuq Elton Brincat sa mid-19 t'Ottubru, 2018. [22]

**Jennifer Agius** xehdet illi nhar it-12 ta' Novembru, 2020 filgħaxija kienet xogħol ġewwa l-*Convenience Shop* ta' Santa Venera meta daħlet mara li talbitha

[20] Ibid.
[21] Verbal a fol. 185. Xhieda a fol.186-198
[22] Fol.220-221. **Dok SC** a fol.222-227

prodott li kien jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut fejn kien hemm kamra bil-*fridges* b'xi prodotti fuqhom. Ix-xhud ġabet sellum biex tilħaq il-prodott u newlitu lill-mara. Imbagħad meta marret lura ħdejn il-*cash,* sabet li l-kexxun ta' wieħed mill-*cash registers* kien nieqes. Il-*wires* kienu maqlugħin. Hi qalet li dak il-kexxun kien vojt. Minnufih ċemplet lill-*manager* tagħha. Iddeskriviet lill-mara li daħlet fil-ħanut bħala tfajla rqiqa, b'xagħarha sa spallitha. Wara li newlitilha l-prodott li riedet, il-mara kienet ħallset u ħarġet mill-ħanut. [23]

**Joe Camilleri** bħala *Head of Security* ma' *The Convenience Shop,* ippreżenta *invoice* tal-affarijiet li nsterqu.[24]

Spjega wkoll illi kien għamel *downloads* tas-CCTVs li mbagħad għaddihom lill-pulizija.[25]

**PS336 Francesco Imbroll** u **l-Ispettur Thomas Zammit** xehdu illi fit-12 ta' Novembru, 2020 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija kienu infurmati dwar serqa li kienet saret minn Ta' Xmun Confectionery fi Triq Ġużè Orlando, Birkirkara. Meta marru fuq il-post, ħadu għoxrin ritratt kif ukoll saru eżamijiet għal impronti diġitali li rriżultaw fin-negattiv. Huma ppreżentaw rapport dwar ix-xogħol tagħhom.[26]

**Diane Abela,** impjegata ma' Ta' Xmun Confectionery, qalet li għall-ħabta tat-tmienja neqsin ħamsa ta' filgħaxija kienet wara l-*cash* meta daħlet tfajla li staqsietha għal *tablets* tad-*dishwasher.* Peress li dak il-prodott kien f'kamra fit-tarf ta' ġewwa tal-ħanut, marret tassistiha. Fil-fatt, il-klijenta spiċċat ma ħadet xejn. Dakinhar ix-xhud kienet waħedha fil-ħanut u kienet waslet biex tagħlaq. Waqt li kienet sejra lura ħdejn il-*cash,* dehrilha li rat persuna maskili tiġri 'l barra. Ħdejn il-*cash,* ix-xhud lemħet karta ta' għaxar Ewro mal-art. Imbagħad fetħet il-*cash* u ndunat x'ġara. Ix-xhud qalet illi ma ratx wiċċ dak ir-raġel peress illi kien liebes *hoodie,* beritta u maskra. Mill-ewwel ċemplet lill-*boss* tagħha, Ronald Borg. Qalet li l-mara li saqsietha għat-*tablets* kienet ħarġet mill-ħanut. Kompliet tiddeskrivi lil dik il-mara bħala rqiqa, b'xagħar iswed u ta' eta` bejn ħamsa u tletin u erbgħin sena. Kompliet tispjega illi kienet sabet il-*cash* magħluq, iżda meta fetħitu, ftit kien fadal karti tal-flus. Qalet illi dakinhar kienet għamlet 'il fuq minn elf Ewro. Skond il-filmati mis-CCTVs, is-suspettat ma kienx daħal wara l-*cash* iżda ixxabbat minn quddiem.[27]

---

[23] Fol.228-232
[24] **Dok JC1** a fol.237-238
[25] Fol.233-236
[26] Fol.243-245. **Dok TZ1** a fol. 246-265
[27] Fol.267A-273

**Ronald Borg,** is-sid tal-ħanut Ta' Xmun Confectionery, xehed illi dakinhar tal-inċident kien id-dar filgħaxija meta ċemplitlu s-*salesgirl* Diane Abela u qaltlu li kienu daħlu fuqha u serquha. Hu mill-ewwel mar il-ħanut u fit-triq ċempel lill-pulizija. L-inċident inqabad fuq is-CCTVs tal-ħanut. Ix-xhud spjega li kien ra l-filmat u għaddieh lill-pulizija. Kompla jispjega illi wara li għodd il-*cash flow* u kkalkola d-differenza, sab illi l-flus misruqa kienu **jammontaw għal madwar seba' mitt Ewro (€700).** In kontro-eżami, qal illi l-*cash register* kien jinfetaħ biċ-ċavetta.[28]

**Omar Fertate,** *Shop Manager* f'*The Convenience Shop* fi Triq il-Wied, Ħal Balzan, xehed illi dakinhar tal-inċident, bejn id-disgħa u l-għaxra tal-filgħaxija, ċempillu wieħed mill-impjegati li beda jgħidlu "*help, help, help.*" Peress li x-xhud kien jgħix fil-qrib, telaq jiġri lejn il-ħanut u hemmhekk lemaħ raġel liebes ġakketta ħamra, li kien qiegħed jipprova jisraq il-flus. Dak ir-raġel kien qed jaħbi wiċċu. Wara li ċċekkja d-dettalji fuq il-mobile tiegħu, ix-xhud ikkonferma illi l-ħin eżatt tal-inċident kien 21:46:28hrs fl-14 ta' Novembru, 2020. Aktar tard, il-pulizija marru fuq il-post tal-inċident u elevaw il-filmati mill-kameras tal-ħanut. Ix-xhud kompla jispjega illi kien ra lir-raġel jidħol ġo vettura tal-għamla Peugeot b'żewġ kuluri. Għalkemm kien id-dlam, seta' jara n-numru tal-karozza peress li kien imdawwal. Hu ta d-dettalji lill-pulizija. Ix-xhud kompla jgħid li normalment f'ġurnata bħal dakinhar tal-inċident kien ikun hemm bejn elf u ħames mitt Ewro u elf u tmin mitt Ewro (€1,500-€1,800) fil-*cash till* tal-ħanut.[29]

**Braxton Catungal Brual**, *shop assistant* f'*The Convenience Shop,* Ħal Balzan, xehed illi dakinhar tal-inċident kien qiegħed quddiem il-*cash* meta daħlet mara li talbitu jgħinha ġġib xi *napkins* għaliex kienu qegħdin fil-għoli. Sakemm mar jassisti lill-mara, sema' lil sieħbu jgħajjatlu minn ġewwa uffiċju fejn kien qiegħed jgħodd il-flus. Ġo dak l-uffiċju kien hemm is-CCTV. Il-kollega tax-xhud għajjatlu biex jgħidlu li kien hemm xi ħadd qed jisraqlu mill-*cash.* Ix-xhud telaq jiġri lejn il-*cash* u sab raġel jixxabbat lejn il-kexxun tal-flus. Iddeskriva lir-raġel bħala twil "*with a good body.*" Dan ir-raġel beda jirrabja u beda jgħid lix-xhud "*I have money inside*" iżda x-xhud ma setax jifhem x'ried ifisser. Ix-xhud kompla jispjega li hu mill-ewwel ċempel lill-*manager.* Meta wasal il-*manager,* is-suspettat, telaq jiġri mill-ħanut u daħal f'karozza. **Ix-xhud għaraf lill-imputat fl-awla bħala l-ħalliel.**[30]

**PS1255 Christian Azzopardi** xehed illi fl-14 ta' Novembru, 2020, kien *nightwatch* ma' l-Ispettur Lydon Zammit meta semgħu fuq ir-radju tal-pulizija illi kienet seħħet serqa mill-*Convenience Shop* f'Ħal Balzan. Marru fuq il-post fejn

[28] Fol.274-279
[29] Fol.289-295
[30] Fol.296-302

tkellmu ma' xi xhieda u saru jafu li min seraq kien telaq f'karozza tal-għamla Peugeot. Dik il-karozza inqabdet fuq il-filmati tas-CCTV u deher ukoll in-numru tagħha li kien CCF804. Irriżulta li l-vettura kienet ta' Elton Brincat li meta kien arrestat beda jinsisti li ma kien għamel xejn u li l-karozza kien qed jagħmel użu minnha Matthew Camilleri. Brincat qal lill-pulizija illi dak iż-żmien kien qed jieħu d-droga mal-istess Camilleri u ċerta Sarah Zammit. Qal ukoll illi Camilleri kellu xi dejn miegħu relatat ma' droga u kien joħroġ biex imur jixtri bil-karozza tal-istess Brincat.

Fis-16 ta' Novembru, ix-xhud flimkien mal-kollegi tiegħu marru fir-residenza tal-ġenituri tal-imputat fil-Gżira. Omm l-imputat qaltilhom li binha kien jgħix ġo garaxx maġenb l-appartament tagħhom. X'ħin wasal missier l-imputat u fetħilhom il-garaxx li kien mibdul f'appartament, l-imputat ma kienx hemmhekk.

Aktar tard ix-xhud, flimkien ma' PC 1087, daru bil-pass madwar il-blokk fejn kienet tinsab ir-residenza tal-imputat u nnotaw siġra eżatt wara l-appartament li setgħet intużat minnu biex jaħrab mill-pulizija filgħodu. Għall-ħabta tal-ħamsa u nofs, l-imputat ċempel id-depot u qalilhom li setgħu jmorru għalih quddiem il-garaxx tiegħu.[31]

Waqt l-istqarrija tiegħu, l-imputat ċaħad li kellu xi dejn ma' Brincat kif ukoll li kien qiegħed juża l-karozza tiegħu w insista li kellu *mobile* ġewwa l-garaxx tiegħu li seta' jiskolpah. Għalhekk l-għada, ix-xhud u PC 1087 ingħataw struzzjonijiet biex jeskortaw lill-imputat biex iġib dak il-*mobile*. Wara li ġab ir-*remote* tal-garaxx mingħand ommu, l-imputat qalilhom li kien hemm xi problema għaliex meta beda jagħfas ir-*remote,* il-bieb beda jinfetaħ u jerġa' jingħalaq. Bl-iskuża li jsolvi l-problema, l-imputat irrombla taħt il-bieb li kien ftit imbexxaq, daħal, għalaq il-bieb warajh u ħarab. Għalkemm bdew jgħajtulu u jsabbtu mal-bieb biex jiftħilhom, hu ma rrispondiex.

Peress illi r-residenza tal-imputat tagħti fuq wara għal skola, b'għoli ta' madwar sular bejn il-garaxx u l-iskola, PC 1087 mar jiċċekkja jekk l-imputat kienx qabeż għal hemmhekk. Minn dik l-iskola, wieħed seta' faċilment jgħaddi minn ġo *fence* għal ġo l-*ground* tal-Gżira. Madwar tmien minuti wara, PC1087 ċempel lix-xhud biex jinformah illi l-imputat kien qiegħed fil-*ground.*[32] Fil-fatt, PS1255 sab lill-kollega tiegħu flimkien mal-imputat wara l-*fence,* b'dan tal-aħħar immanetjat mal-*fence.* L-imputat beda jallega illi ġie msawwat minn PC1087. Iżda żewġ xhieda okulari, li dak il-ħin inzertaw fuq il-post waqt xi *training* tal-*football,* qalu lix-xhud illi dan ma kienx minnu. Fil-pront waslu xi

[31] Fol.396-397
[32] Fol.398-399

familjari tal-imputat li qalgħu kommozzjoni meta bdew jgħajru u jheddu lill-uffiċjali tal-pulizija.[33]

Ix-xhud kompla jistqarr illi meta tkellem ma' Elton Brincat, dan qallu illi kien imur bil-karozza tiegħu u jipparkjaha quddiem il-garaxx tal-imputat li mbagħad kien joħodha biex imur jixtri jew jinqeda.[34]

**PC411 Jurgen Sciriha** xehed illi fis-17 ta' Novembru, 2020, għall-ħabta tas-sitta u nofs, kien qiegħed għal sessjoni ta' *training* ta' *football* fil-*ground* tal-Gżira meta lemaħ żewġ persuni jillatikaw u jinqalbu fuq xulxin. Meta resaq qrib induna illi wieħed minnu kien uffiċjal tal-pulizija li għarfu mit-*tag* li kien liebes. Il-persuna l-oħra kienet l-imputat. Saqsa lill-uffiċjal jekk kellux bżonn xi għajnuna u dak wieġbu li le. L-imputat beda jgħajjat illi kien qed jiġi msawwat. Iżda x-xhud ikkonferma illi **dan ma kienx minnu.** X'ħin waslu aktar kollegi fuq il-post, ix-xhud kompla bis-sessjoni tat-taħriġ sportiv tiegħu.[35]

**PC1087 Roderick Degiorgio** xehed illi fis-17 ta' Novembru, 2020, ġie ordnat flimkien ma' PS 1255, biex jeskorta lill-imputat fir-residenza tiegħu fil-Gżira biex iġib xi *mobile* li skontu, kien jikkontjeni xi provi. L-imputat qalilhom illi l-bieb tal-garaxx fejn kien joqgħod kellu xi ħsara u għalhekk kellu jiftħu hu. Fil-fatt urihom xi *pop rivets* u spjegalhom illi minħabba l-ħsara, il-bieb ma setax jitla'. Meta l-imputat beda jagħfas il-buttuna tal-garaxx, il-bieb beda jitla' ftit u jeħel. L-imputat talab permess biex jidħol fuq ġewwa sabiex ikun jista' jsolvi il-problema. Iżda malli x-xhud tah permess, l-imputat irrombla minn taħt il-bieb, għalqu w ħalla lill-pulizija barra.

Ix-xhud telaq jiġri lejn l-iskola li tinsab fuq wara tar-residenza tal-imputat u lemaħ figura għaddejja fid-dlam. Meta resaq aktar qrib, għaraf lill-persuna bħala l-imputat. Ordnalu biex jieqaf iżda dak ma tax kasu u telaq jiġri għal ġol-ħaxix. L-imputat beda jirrezisti l-arrest. Ix-xhud fl-aħħar libbsu l-manetti u qafel waħda minnhom mal-*fence* tal-*ground.* L-imputat beda jhedded lix-xhud u jallega li kien sawtu. Uffiċjal tal-pulizija, li dak il-ħin kien qiegħed jittrenja fil-*ground,* ra kollox minn wara l-*fence* li taqsam il-*ground* minn ma' l-iskola. Dak il-ħin waslu fuq il-post familjari tal-imputat li wkoll bdew jheddu lix-xhud u lill-kollega tiegħu, PS 1255, li sa dak il-ħin kien wasal fuq il-post. Mal-wasla tas-superjuri tagħhom, ix-xhud ta *handover* tal-imputat lilhom.[36]

---

[33] Fol.399
[34] Fol.400-401
[35] Fol.469-471
[36] Fol.489-494

**PC2376 Yana Buttigieg** ippreżentat il-filmati meħuda mill-postijiet fejn seħħew it-tliet serqiet bejn it-12 u l-14 ta' Novembru, 2020, kif ukoll *timeline* tal-inċidenti kif seħħew.[37] Spjegat illi fit-tliet każijiet kien hemm l-istess *modus operandi,* jiġifieri kienu involuti raġel u mara li kienu waslu fuq il-post b'vettura *silver* bil-bieba tax-xufier sewda u bin-numru CCF 804. Iż-żewġ persuni dehru joħorġu minn ġol-vettura. Imbagħad il-mara kienet tidħol ġol-ħwienet, tiċċekkja jekk hemmx nies u tersaq lejn il-kaxxiera biex ittellifhom. Ladarba l-kaxxiera jitilqu minn ħdejn il-*cash,* kien jidħol ir-raġel, jieħu l-*cash* u jitlaq 'il barra. Ftit wara, il-mara dehret toħroġ mill-ħanut u titlaq fl-istess direzzjoni.[38]

Ix-xhud ippreżentat ukoll *stills* li fihom deher is-suspettat liebes beritta partikolari. Dehret il-vettura wżatha minnhom ta' kulur silver iżda b'bieba tax-xufier sewda.[39]

Spjegat illi waqt li kienet qed tara l-filmati, tkellmet mal-kollegi tagħha biex jaraw jekk jagħrfux lis-suspettat. Wieħed mill-kollegi, PS1402 Keith Rizzo, għaraf lis-suspettat minn investigazzjoni separata li kien involut fiha xi xhur qabel fejn is-suspettat kien liebes beritta partikolari ħafna, bħal dik milbusa mis-suspettat f'dan il-każ ta' serq. Ix-xhud ippreżentat *stills* minn dik l-investigazzjoni separata, meħudin minn filmat ġewwa l-fergħa tal-BOV fi Triq Fleur-de-Lys, Bkara, fejn deher wiċċ l-imputat meta ntalab ineħħi l-beritta.[40]

**PS 1402 Keith Rizzo** spjega illi uffiċjali mill-uffiċju tal-Ispettur Stephen Gulia bdew jistaqsu jekk xi ħadd kienx jagħraf persuna suspettata li dehret fuq filmat tas-CCTV bħala parti minn investigazzjoni li kienu qegħdin jagħmlu. Dik il-persuna kienet liebsa beritta partikolari ħafna, ħamra bil-pizz bil-fjuri u bil-kliem abjad '*ARMANI EXCHANGE*' fuqha. **Ix-xhud spjega li kien għaraf lis-suspettat bħala l-imputat.** Kompla jispjega li l-istess **imputat kien deher liebes beritta identika** ġo filmat meħud minn fergħa tal-BOV fis-sena 2019, liema filmat kien jifforma parti minn investigazzjoni separata li kien ħadem fuqha l-istess xhud.[41]

**Sarah Zammit** xehdet fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2023 wara li kienet irrifjutat li tagħmel dan darbtejn oħra fl-istess proċeduri għaliex qalet li l-imputat kien missier it-tarbija tagħha. Kienet insistiet li kellha relazzjoni miegħu u li wara

[37] Rapport **DokYB1** a fol.500-526. CDs esibiti bħala **DokYB2** u **YB3** a fol.527
[38] Fol.495-496
[39] Fol.496
[40] Fol.497.
[41] Fol.529-531

saret taf illi t-tarbija kienet tiegħu.[42] It-tarbija kienet irreġistrata bħala 'missier mhux magħruf.'[43]

Meta fl-aħħar xehdet stqarret illi ġiet kundannata fuq inċidenti li kellha mal-imputat li dwarhom għaddiet proċeduri fil-qorti, liema proċeduri kienu deċiżi u mhux appellati. **Spjegat illi hi u l-imputat kienu daħlu ġo xi ħwienet, ġewwa Birkirkara. Hi kienet tidħol biex taljena lis-sidien sakemm jidħol l-imputat u jipprova jieħu xi flus mill-cash,** *"jien naljena lil tal-hanut.....dhalt biex naljena s-sid. U daħal Matthew daqshekk u hrigna.....[l-aljenazzjoni tas-sid kienet issir billi] imur inparla mieghu"* u Matthew ***"Dahal biex jipprova jiehu l-flus...mill-cash"***[44] fejn foist il-ħwienet misruqa kien hemm post f'Birkirkara.

**Kompliet tispjega illi kienu jaslu fuq il-post b'karozza, iżda ma kienitx tiftakar l-għamla tagħha. Qalet illi kienu jġibu l-karozza mingħand ħabib tagħhom li ma kienitx tiftakar ismu. Kompliet tgħid illi kienu jitilqu mill-Gżira. Meta tidħol fil-ħanut kienet tipprova taljena lis-sid billi *"nipprova ndaħħalha il-ġewwa kemm nista'"*.**[45]

<u>Stqarrija tal-Imputat</u>

**Dr Luana Cuschieri** ppreżentat traskrizzjoni ta' interrogazzjoni li saret lill-imputat fis-17 ta' Novembru, 2020.[46]

L-imputat stqarr illi kien iltaqa' ma' Elton Brincat l-ewwel darba ġewwa l-ħabs xi sena qabel. Imbagħad xi tliet ġimgħat qabel l-inċidenti in kwistjoni, Brincat inzerta mar fir-residenza tal-imputat ma' ħabib tal-istess imputat. Dik kienet l-ewwel darba li ltaqgħu barra l-ħabs. Dakinhar, l-imputat għamel xi dejn ma' Brincat li wara baqa' jmur għandu biex jitħallas. Peress illi l-imputat ma kellux biex iħallsu, Brincat ħadlu l-*mobile* u qallu li kien se jagħtihulu lura wara li jkun ħallas id-dejn. L-imputat kompla jispjega illi qabel ma Brincat ħadlu l-*mobile,* hu dawwar it-telefonati minn fuq dak il-*mobile* għal fuq linja oħra tal-istess imputat. Kompla jispjega illi Brincat baqa' jmur għandu għall-flus, jekk mhux kuljum, darba iva u darba le. Qal illi fit-12 ta' Novembru, Brincat ma kienx mar għandu. Fl-14 ta' Novembru kien mar għandu filgħaxija u qala' panik għax l-imputat ma riedx jiftaħlu. Baqa' hemm minn xi l-22:00 sa xi l-23:30. L-imputat stqarr illi qatt ma rraporta lill-pulizija dwar it-teħid tal-*mobile* u lanqas dwar l-

[42] Fol.483-485
[43] Vide Ċertifikat tat-twelid esibit bħala **Dok.SZ1** a fol.533
[44] Fol.548-549
[45] Fol.551
[46] Fol.420-421. **Dok.LC1** a fol.422-468

allegat fastidju minn Brincat għax kien jgħoddu bħala ħabib. L-imputat qal illi wara s-Sibt, 14 ta' Novembru, ma semax aktar b'aħbar Brincat.[47]

L-imputat stqarr illi Brincat kellu karozza griża w *"għandha xi ħaġa mal-bieba sewda"*[48], iżda ma kienx jaf l-għamla tagħha u qal illi **qatt ma rikeb fiha jew saqha *"Qatt.....Qatt".*[49]** Kompla jispjega illi kien dejjem iwissi lil Brincat biex ma jipparkjax quddiem il-bieb t'ommu u biex ma jħallix il-karozza f'nofs it-triq.[50]

Rigward Sarah Zammit, qal illi kienu biss ħbieb fuq *Facebook.* Kien jaf li kienet mill-Gzira u ġieli tkellmu fit-triq, iżda nnega li qatt ħarġu flimkien. Ġieli skambjaw xi messaġġi bil-*mobile* iżda ma kienx jiftakar in-numru tagħha li kien fil-*mobile* li kien ħadlu Brincat. Għalhekk <u>minn meta Brincat ħa dak il-mobile, l-imputat stqarr illi ma kkomunikax ma' Zammit ħlief bil-Messenger</u>. Qal ukoll illi l-aħħar darba li ra lil Zammit kien dakinhar li Brincat mar fir-residenza tiegħu għall-ewwel darba ma' ħabib tiegħu. Zammit inzertat għaddejja minn quddiem id-dar tiegħu, kienu sellmu lil xulxin u baqgħet sejra.[51]

Mistoqsi dwar l-ewwel serqa mill-*Convenience Shop* ta' Santa Venera, l-imputat qal illi qatt ma daħal ġo dak il-ħanut. Muri filmat, l-imputat qal li ma setax jagħraf lill-persuna femminili għaliex wiċċha kien mgħotti.[52] Rigward il-persuna maskili li deher fl-istess filmat, l-imputat qal illi xejn ma kien jidher minn wiċċu. Ċaħad li hu kien dik il-persuna maskili fil-filmat. Rigward il-beritta partikolari li kien liebes is-suspettat, l-imputat insista li ***"Dik il-beritta m'hijiex tiegħi*[53]*..... "Dik il-berritta m'hijiex tiegħi"*[54]** Kompla jgħid illi l-pulizija ma kinux sabu xi beritta meta daħlu fir-residenza tiegħu l-ġurnata ta' qabel. Insista wkoll illi quddiem ir-residenza tiegħu kien hemm il-*camera* u għalhekk il-pulizija setgħu jikkonfermaw li ħadd ma daħal fir-residenza tiegħu bejn il-ħin meta l-ewwel marru jfittxuh ma' missieru u aktar tard meta seħħ l-arrest tiegħu. Rigward dik il-beritta partikolari, <u>stqarr illi kien jixtri ħafna ħwejjeġ u ma setax jiftakar jekk kellux waħda bħalha fil-passat</u>. Kompla jispjega illi waqt li kien il-ħabs, kien insteraqlu kollox mid-dar. Iżda ma kienx għamel rapport mal-pulizija peress illi dawk li serquh kienu persuni li kien jafhom u kien jaf li kellhom problema. Qal li kellu xi għaxar brieret iżda ma setax jiftakar kellux

---

[47] Fol.422-430
[48] Fol.431
[49] Ibid.
[50] Fol.430-431
[51] Fol.431-436
[52] Fol.440
[53] Fol.443
[54] Fol.446

waħda bħal dik, għaliex qabel ma daħal il-ħabs kien fuq id-droga u minħabba f'hekk, moħħu ma kienx qed jiffunzjona sew.[55]

Muri *stills* mis-serqa tat-12 ta' Novembru tal-Convenience Store Santa Venera, ma għarafx il-mara li tidher f'dawk l-*stills* kif ukoll ċaħad li kien fil-presenza ta' Sarah Zammit waqt dik is-serqa. Ċaħad li uża l-vettura ta' Brincat.[56] Stqarr illi fit-12 ta' Novembru, 2020 kien tkellem ma' Brincat bil-*mobile* minħabba l-flus li kellu jagħtih. Ċaħad illi kien involut fit-tieni serqa mill-ħanut ta' B'kara li seħħet ftit tal=ħin wara li ma rnexxielux jisraq minn ħanut ta' Santa Venera għaliex il-cash kien vojt.[57] . Rigward it-tielet serqa fl-14 ta' Novembru, li seħħet għal xi 10pm, l-imputat insista li ma ħariġx mid-dar mit-3:00 ta' wara nofsinhar 'il quddiem.[58]

Jikkonferma n-numru tal-mobile tiegħu li fuq saru kuntatti mal-pulizija kien **99665188**. [59]Għalhekk ma jistax ikun li l-mobile kien ttieħidlu minn Brincat meta aktar kmieni fl-interrogazzjoni jsemmi li minn dakinhar li ttieħidlu minn Brincat fejn skond Camilleri beda juza mobile nru.79207538.[60]

Meta mistoqsi dwar it-telefonati li kien hemm bejn il-*mobile* tiegħu u dak ta' Zammit, l-imputat qal li ma kellux idea u insista li l-*mobile* tiegħu kien għand Brincat. Kompla jispjega illi wieħed seta' jaqla' s-*sim card* minn ġo dak il-*mobile* u jużaha ġo *mobile* ieħor. Ċaħad illi kien ikkomunika ma' Zammit fil-ħin tas-serqa, kif ukoll illi hu kien Ħal Balzan f'dak il-ħin tal-inċident għalkemm **in-numri ċellulari tiegħu u ta' Zammit inqabdu jikkomunikaw ma' xulxin fl-istess waqt illi ż-żewġ suspettati dehru jitkellmu fuq il-*mobile* fis-CCTV relatat mal-inċident ġewwa l-*Convenience Shop* ta' Ħal Balzan.**[61]

Ikkunsidrat,

<u>L-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Imputazzjoni</u>

Il-Qorti tibda biex tosserva illi bħala punt kardinali, persuna akkużata hija preżunta innoċenti sakemm misjuba ħatja u dan il-prinċipju jorbot ukoll mal-obbligu tal-prosekuzzjoni li għandha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

---

[55] Fol.447-449
[56] Fol.452-453
[57] Fol.454-455
[58] Fol.457 u fol.462
[59] Fol.458
[60] Fol.428
[61] Fol.458-465

L-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara illi l-prosekuzzjoni għandha d-dover li tressaq il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex tilħaq dan il-grad ta' prova b'suċċess. Dik l-aħjar prova tista' tkun tikkonsisti fil-verżjoni ta' xhud wieħed li, jekk emmnut, tkun biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox. Fil-fatt, l-Artikolu 638(2) jgħid illi xhud wieħed waħdu, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xhieda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija daqs li kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jekk xhud ikunx emmnut jew le hija materja li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti li trid tagħmel analiżi tal-provi kollha miġjuba quddiemha fil-kwadru taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Għalhekk l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali ikompli jgħid illi meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-kredibbilità tax-xhud, il-ġudikant għandu:

> .......jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-cirkostanzi kollha tal-każ.

Una volta jsir dak l-eżerċizzju w il-Qorti tasal biex tqis dik ix-xhieda bħala waħda kredibbli, dik ix-xhieda tista' titqies bħala prova sħiħa u kompluta.

Dan il-prinċipju ġie ampjament konfermat mill-Qrati tagħna. Hekk per eżempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Anthony Bonavia**[62] il-Qorti tkellmet ċar f'dan ir-rigward:

> Wara kollox kif jiddisponi l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs li kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar u dan hu bizzejjed biex tigi pruvata l-htija ta' persuna akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti…..

Ikkunsidrat,

A. *Xiehda ta' Sarah Zammit*

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tosserva illi dan il-prinċipju isib applikazzjoni fil-każ in eżami fejn il-prosekuzzjoni ressqet bħala prova ewlenija ix-xhieda *viva voce* tal-persuna li ammettiet l-involviment tagħha flimkien ma' l-imputat f'din is-sensiela ta' serqiet. Hawnhekk issir referenza għax-xiehda ta' Sarah Zammit li, taħt ġurament u fil-preżenza tal-imputat, mhux biss

[62] Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, Appell Nru:176/2002 deċiża nhar is-6 ta' Novembru,2002

ikkonfermat il-*modus operandi* li kien fattur komuni fit-tliet inċidenti li seħħew fuq medda ta' jumejn, iżda wkoll **implikat direttament u mingħajr tlaqliq lill-imputat bħala dak li kien jipprova jisraq il-flus**. Għalkemm qalet illi ma kienitx tiftakar l-isem tal-ħwienet, ikkonfermat illi kienu fil-lokalita` ta' Birkirkara. Ix-xiehda tagħha hi skjetta u inekwivoka:

> ***"Xhud: dħalt biex naljen[a] lis-sid. U daħal Matthew daqshekk u ħriġna.***
> ***Pros: mela inti tidħol taljena lis-sid kif taljena lis-sid***
> ***Xhud: mhux imur inparla miegħu.***
> ***..........***
> ***Pros: U Matthew fejn jidħol u x'jagħmel***
> ***Xhud: Daħal biex jipprova jieħu xi flus***
> ***Pros: U minn fejn jieħu l-flus?***
> ***Xhud: Mhux mill-cash"*** [63]

Ix-xhud kompliet tikkonferma illi kienu jmorru b'karozza li kienu jġibu mingħand ħabib tagħhom u li kienu jitilqu mill-Gżira. Mistoqsija biex tispjega aħjar dwar kif kienet taljena lil sid il-ħanut, ix-xhud stqarret illi kienet tipprova ddaħħalha 'l ġewwa fil-ħanut kemm jista' jkun.[64]

Il-Qorti fliet b'reqqa il-filmati miġbura mill-investigaturi mis-CCTVs relatati ma' dawn it-tliet inċidenti kif ukoll faxxikolu ta' *stills* meħuda minn dawn il-filmati u ppreżentati f'dawn il-proċeduri f'għamla ta' *timeline* tas-serqiet.[65]

Wara li għamlet dan l-eżerċizzju, il-Qorti tosserva illi din il-verżjoni tax-xhud tikkombaċċja perfettament mal-evidenza viżiva mressqa mill-prosekuzzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tinnota li din ix-xhieda bl-ebda mod ma ġiet kontradetta jew kontrollata permezz ta' kontro-eżami mid-difiża. L-abbli avukat tal-imputat ippruvat ixxejjen il-kredibbilità` ta' din ix-xhud meta fit-trattazzjoni finali qalet illi Zammit kienet irrifjutat li tixhed għal darba darbtejn billi qalet li kellha tarbija mill-imputat u għalhekk ma ridietx tixhed kontrih.

Ċertifikat tat-twelid ta' din it-tarbija, esibit in atti, iddikjara illi l-ġenitur l-ieħor mhux magħruf.[66] L-abbli difiża osservat illi sussegwentement irriżulta illi l-imputat ma kienx missier it-tarbija ta' Zammit. Id-difiża argumentat ulterjorment illi din ix-xhud kienet kważi mġiegħla ("*compelled")* tixhed billi ġiet infurmata illi ladarba l-każ tagħha kien magħluq, setgħet tiffaċċja passi kontriha kemm-il darba tibqa' tirrifjuta li tixhed. Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-teżi insostanzjata tad-difiża illi din ix-xhud ħassitha "*compelled li tiġi hawn u*

---

[63] Fol.549
[64] Fol.550-551
[65]Xhieda a fol.495-499. Rapport **DOKYB1 500-526**
[66] **DokSZ1** a fol.533

*tivvinta l-istorja."*[67] **Il-verżjoni tax-xhud kienet ċara u l-Qorti tqisha kredibbli, aktar u aktar meta meqjusa fil-kwadru sħiħ tal-provi kollha** mressqa mill-prosekuzzjoni, inkluż provi indiretti jew dik li tissejjaħ evidenza ċirkostanzjali kif ukoll il-verżjoni ta' xhieda oħra.

*B. <u>Xhud okulari</u>*

Wieħed mix-xiehda mressqa mill-prosekuzzjoni kien wieħed miż-żewġ impjegati tal-*Convenience Shop* ta' Ħal Balzan li, bis-saħħa tal-intervent tagħhom il-pjan tal-ħallelin dakinhar tal-14 ta' Novembru, 2020 filgħaxija, ma seħħx. Fil-fatt, kien proprju **<u>Braxton Catungal Brual</u> li lemaħ lis-suspettat fuq is-CCTV waqt li kien qiegħed jgħodd il-flus ġewwa uffiċju fuq in-naħa ta' wara tal-ħanut.** Hu kien pront sejjaħ lill-kollega tiegħu li dak il-ħin kien qiegħed jassisti lill-mara - aktar tard identifikata bħala Sarah Zammit - li l-iskop tagħha kien proprju li taljenah u twarrbu minn ħdejn il-*cash register.*

Fuq il-filmat deher is-suspettat li kien qiegħed jixxabbat fuq il-*counter* jipprova jilħaq il-*cash.* Malli sab ruħu ikkonfrontat mill-impjegat, is-suspettat jidher li vvinta skuża biex jipprova jiġġustifika l-fatt li kien qiegħed ixxabbat idu lejn il-*cash.* Beda jitmasħan u jgħid lill-impjegat illi kienu waqgħulu xi flus wara l-*counter* u saħansitra beda jitolbu n-numru tal-pulizija. Hekk kif l-impjegat dawwar wiċċu biex iċempel lill-*manager* sabiex jgħidlu dwar dak li kien qiegħed jiġri, is-suspettat żerżaq idu fuq il-*counter* u waqqa' karta tal-flus wara l-bank. Ix-xena kollha, inkluż il-movimenti tas-suspettat, inqabdu fuq il-filmat tas-CCTV ġewwa l-ħanut, liema filmat flimkien ma' *stills* meħudin minnu, ġew ippreżentati mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri.[68]

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa tali evidenza viżiva, kif ukoll qieset ix-xhieda ta' dan l-impjegat li għaraf lill-imputat minkejja li kien liebes il-maskra, il-beritta u l-*hoodie.*

> *"Pros: So, if you take a look around in this Hall, do you recognize someone and if you recognize someone, can you tell us as who you are recognizing, this person?*
> *Qorti: Have a look.*
> *Pros: Do you recognize someone?*
> *Qorti: This person there. Who is that person there?*
> *Xhud: ....I remember his face.*
> *Qorti: Remember his face, as the person who? As the person who?*
> *Xhud: **A person who tried to get my cash.***
> *Qorti: Tried to take your cash.*
> *Xhud: **Tried to take my cash, yes.***

---

[67] Trattazzjoni finali a fol.622
[68] *Stills* a fol.521-523. CDs a Fol.527

*Qorti: Hawnhekk ix-xhud qed jindika lill-imputat. Are you sure that it is him?*
*Xhud: **Yes.**"*[69]

Dak il-kuntatt dirett u mill-qrib bejn l-impjegat u s-suspettat li twaqqaf milli jkompli bil-pjan tiegħu, kien segwit b'konfront verbali bejniethom. Tali interazzjoni mill-viċin tispjega għalfejn ix-xhud seta' jagħraf lill-imputat. Il-verżjoni tiegħu tikkombaċja mal-evidenza viżiva miġbura mix-xena tar-reat u l-Qorti hija moralment konvinta illi tali xhieda għandha mis-sewwa.

C. *Provi Cirkostanzjali*

Għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawn, peress illi tħossha moralment konvinta illi dawn ix-xhieda huma attendibbli u għalhekk suffiċjenti biex tinstab ħtija fl-imputat fuq l-ewwel erba' akkużi ta' serq aggravat u attentat ta' serq aggravat, ma tistax ma tagħmilx xi osservazzjonijiet dwar provi oħra li jkomplu jsaħħu l-fehma tagħha dwar sejbien ta' ħtija.

i) *Vettura tal-għamla Peugeot bin-numru CCF804*

Ġie ikkonfermat sia minn xhud okulari fil-każ tat-tielet inċident f'Ħal Balzan[70] Braxton Catungal Brual, sia mill-filmati tas-CCTVs relatati max-xeni tat-tliet inċidenti, illi **ż-żewġ suspettati waslu u telqu minn fuq il-post permezz ta' karozza tal-għamla Peugeot 207 silver bin-numru CCF804**. Sid il-vettura, Elton Brincat, innega kwalunkwe involviment f'dawn ir-reati w insista illi lanqas biss kien jaf dwarhom qabel ma arrestawh il-pulizija biex jinterrogawh. Spjega illi kien sellef il-karozza tiegħu lill-imputat li, min-naħa tiegħu, ċaħad dan kollu u qal illi lanqas biss qatt daħal f'dik il-karozza. Iżda t-tnejn li huma qablu illi kien jeżisti dejn bejniethom li skond Brincat kien "*fuq tliet mija.*"[71]

Min-naħa tiegħu, l-imputat stqarr illi dakinhar li l-ewwel reġa' ltaqa' ma' Brincat barra l-ħabs, kien nibet dan id-dejn:

> *"Dakinhar ghamilt xi dejn mieghu u baqa' jigi biex inhallsu u ma kelliex biex inhallsu u dan hadli l-mobile."*[72]

Għalkemm jeżisti dubju f'moħħ il-Qorti dwar kemm fil-verità dan kien sempliċi self ta' flus, kif ried jagħti x'jifhem Brincat, kien x'kien id-dejn, dak li hu rilevanti għall-każ in eżami huwa l-fatt illi l-imputat kellu jagħti xi flus lil Brincat. L-imputat stess stqarr illi ma kellux biex iħallas id-dejn u għalhekk l-

---

[69] Fol. 300-301
[70] Xhieda a fol.292-293
[71] Xhieda a fol.196
[72] Stqarrija a fol.426

ispjegazzjoni ta' Brincat meta qal illi l-imputat talbu l-karozza biex imur iġib xi flus mingħand xi familjari tiegħu biex ikun jista' jħallsu, hija attendibbli. Brincat stqarr illi l-imputat ma riedux imur miegħu iżda talbu biex jibqa' jistennih fir-residenza tiegħu sakemm jiġi lura.

Il-Qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-abbli difiża illi ma kienx jagħmel sens li Brincat jafda lid-debitur tiegħu bil-karozza tiegħu. Brincat spjega, u bir-ra illi ladarba l-imputat fdah ġewwa daru, hu ma kellux għalfejn jirrifjuta li jisilfu l-karozza:

> *"Jiena ma naf xejn x'kien qieghed isir b'din il-karozza. Jiena kieku intom ma gejtux tghiduli, kieku ma gejtux tarrestawni ma kont inkun naf xejn x'gara u ma garax."*[73]

ii) Call profile, phone localization data

**Charmaine Zammit,** rappreżentanta ta' Epic Communications Limited, ippreżentat faxxikolu b'informazzjoni dwar il-*call profile, subscriber details, localisation* u *internet data* mit-12 ta' Novembru, 2020 u l-14 ta' Novembru, 2020 fuq numru rreġistrat f'isem l-imputat u numru ieħor li ma kienx rreġistrat.[74]

L-MSISDN 99665188 hu reġistrat fuq Matthew Camilleri detentur tal-karta tal-identità 529286m.[75] Dan hu n-numru li l-pulizija ċemplu fuqu lil Matthew u hu kien weġibhom.

Mix-xiehda ta l-Ispettur Zammit jirriżulta li n-numru ta' Elton Brincat kien 99115315.[76]

Informazzjoni pprovduta mis-*service provider* dwar in-numru reġistrat f'isem l-imputat, ikkonfermat dan il-**kuntatt bejnu w bejn Brincat fil-ġranet u s-sigħat li fihom seħħew l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri.**

**Brincat spjega illi waqt li kien qiegħed jistenna lill-imputat jasal lura d-dar, ċempillu u bgħatlu messaġġi fuq il-mobile, sewwa sew fuq l-istess numru li fuqu l-pulizija kkomunikaw mal-imputat.** Dan jiġi korroborat mill-*call profile* tal-imputat. Fil-fatt fil-jum tat-12 ta' Novembru, 2020 il-messaġġi skambjati bejniethom jibdew sa minn nofs il-lejl sa 1:25:33am.[77] Jerġaw jissoktaw fil-ħin 5:48:13pm u mill-6:03:48pm sa 8:30:51pm bejn messaġġi u telefonati,[78] anke bejn

[73] Xhieda a fol.196
[74] Fol. 307-308. **Dok.CZ1** u **Dok.CZ2** a fol. 309-395
[75] Xiehda Charmaine Zammit. Vide **Dok.CZ1** a fol.309
[76] Fol.63
[77] Fol.337-337 *tergo.*
[78] Fol.338 tergo-339 *tergo*

is-7:30:53pm sa 8:30:51pm fil-ħinijiet li l-imputat kien qed isiru s-serqiet imputat bihom fil-jum tat-12 ta' Novembru, 2020. Jitfakkar li MT tfisser li l-imputat ikun rċieva t-telefonata jew il-messaġġ filwaqt li MO tindika li jkun hu li bagħat il-messaġġ jew għamel it-telefonata.

L-istess jiġri nhar l-14 ta' Novembru 2020 bejn 7:35:02pm sa 9:09:23pm u mill-11:05:41pm sa 11:39:43pm iżda dawn kienu biss *attempts* u ma rnexxilhomx jikkomunikaw ma xulxin.[79]

L-ispjegazzjoni li ttenta jagħti l-imputat lill-investigaturi, ċioè` illi Brincat kien ħadlu l-mobile bħala garanzija għall-ħlas tad-dejn u li kien għamel *diversion* tat-telefonati u messaġġi għal fuq numru ieħor tiegħu, xejn ma tikkonvinċi lill-Qorti, aktar u aktar meta l-prosekuzzjoni ressqet **l-*localisation data* li tkompli tgiddeb il-verżjoni tal-imputat filwaqt li tikkonferma dik moghtija minn Brincat u Sarah Zammit.**

Il-prosekuzzjoni ġabet ukoll provi dwar numru ieħor li, għalkemm mhux irreġistrat mas-*service provider* f'isem klient partikolari, kien instab fil-pussess ta' Sarah Zammit fil-mument tal-arrest tagħha u kien jintuża minnha.[80]

Jirriżulta mill-informazzjoni pprovduta mis-*service provider,* illi **fl-14 ta' Novembru, 2020, eżattament fid-09:44:52 PM, jiġifieri fil-ħin tal-attentat ta' serq mill-*Convenience Shop* ta' Triq il-Wied, Ħal Balzan, in-numru tal-imputat għamel kuntatt man-numru ta` Zammit.**[81]

Eżami tad-data esibita mix-xhud Charmaine Zammit dwar il-*call profiles* ta' Matthew Camilleri u Sarah Zammit wriet il-kuntatt tista' tgħid kontinwu bejniethom fil-jiem li fihom twettqu is-serqiet. Id-data esibita minnha turi kemm meta dawn it-tnejn kienu qed jagħmlu l-call huma (*MOB: mobile originating call*) kif ukoll liema minnhom irċevieha (*MTC: mobile terminating call*). Ovvjament l-informazzjoni dwar min għamel it-telefonata u min irċevieha terġa tirriżulta fl-oppost skond il-*call profile* partikolari.

Fil-jum tat-12 ta' Novembru 2020 it-telefonati (u messaġġi bejn Camilleri u Zammit) jibdew mill-2:14:59pm sa 8:48:13pm fejn saru tmintax (18) it-telefonata.[82] Telefonata oħra saret aktar qabel fil-10:06:33am[83] Fil-ħinijiet li

[79] Fol.363-363 *tergo*
[80] Xhieda a fol.64
[81] **DokCZ1** a fol.345 *tergo*
[82] Fol.338 *tergo*-339 *tergo*
[83] Fol.338

fihom seħħew is-serqiet minn B'Kara u Santa Venera jirriżulta li l-imputat ċempel (MOC) fuq in-numru ta' Zammit kif ġej:

6:30:28pm
6:37:23pm
6:40:20pm
6:53:29pm
8:22:52pm
8:32:57pm
8:42:33pm

Minn naħa tagħha Zammit ċemplet lil Camilleri (in-numru ta' Camilleri jiġi indikat bħala dak li irċieva t-telefonata – MTC) fis-segwenti ħinijiet:

6:26:45pm
6:44:04pm
6:49:25pm
8:48:13pm

Fil-jum tal-14 ta' Novembru, 2020, meta kien hemm it-tentattiv ta' serqa mill-Convenience Store ta' Ħal Balzan it-telefonati bejniethom bdew mas-2:14:17pm u komplew sa 9:44:52pm fejn saru għaxar telefonati.[84]

**Din l-informazzjoni tikkombaċċja perfettament ma' prova oħra viżiva miġjuba mill-prosekuzzjoni.** Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal ritratt partikolari minn sensiela ta' *stills* miġbura f'ordni kronoloġika minn PS2376 Yana Buttigieg mis-CCTVs relatati mat-tliet inċidenti in eżami. F'dan ir-ritratt kienet tidher **Zammit miexja lejn id-daħla tal-ħanut fi Triq il-Wied waqt li dehret ċar titkellem fuq il-*mobile.* Il-ħin ta' dak ir-ritratt kien 21:44:53, sekonda biss 'il bogħod mill-ħin meta n-numru tagħha għamel kuntatt man-numru tal-imputat skond l-informazzjoni ppreżentata mis-*service provider.***[85] Fir-ritratti segwenti li jġibu l-ħin ta' 21:45:15hrs u 21:45:38hrs rispettivament, deher is-suspettat miexi lejn l-istess ħanut waqt li wkoll kien qiegħed viżibbilment jitkellem fuq il-*mobile.*[86]

Fil-fehma tal-Qorti din il-prova hija <u>ħolqa oħra fil-katina twila ta' evidenza</u> li tkompli dejjem aktar torbot lill-imputat mar-reati ta' serq lilu addebitati.

iii) <u>*Beritta partikolari*</u>

---

[84] Fol.344-345 *tergo*
[85] **DokYB1** a fol.518
[86] **DokYB1** a fol.520

It-tliet inċidenti seħħew f'perjodu meta l-pajjiż kien għaddej mill-pandemija tal-COVID-19 u l-pubbliku kien imwissi mill-Awtoritajiet tas-Saħħa biex jilbes *face mask* f'postijiet pubbliċi. Fil-fatt, iż-żewġ suspettati kienu dejjem lebsin maskra meta wettqu dawn ir-reati ta' serq, hekk kif turi l-evidenza viżiva ppreżentata mill-prosekuzzjoni. Iżda, oltre din il-maskra, is-suspettat maskili kien dejjem liebes beritta ta' lewn ħamrani, bil-pizz b'disinn iffjurit u bil-kliem 'ARMANI EXCHANGE' miktub bl-abjad u faċilment jinqara fuq quddiem, 'l fuq mill-pizz. Aċċessorju tant partikolari ma setax ma jiġbidx l-attenzjoni tal-investigaturi.

Fil-fatt, kien uffiċjal kollega tal-investigaturi li għaraf dik il-beritta u assoċjaha mal-imputat. Sena qabel l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri, dak l-uffiċjal kien involut f'investigazzjoni separata li fiha ħadem fuq filmat meħud minn CCTV ġewwa l-fergħa tal-*Bank of Valletta* fi Fleur-de-Lys. F'dak il-filmat deher l-imputat odjern liebes beritta identika. F'dak il-filmat, li *stills* minnu ġew ppreżentati f'dawn il-proċeduri, l-imputat kien perfettament identifikabbli peress illi ntalab ineħħi l-beritta meta resaq mal-bank tal-kaxxiera u wiċċu kien kompletament mikxuf.[87] Dik l-evidenza ġiet ppreżentata f'dan il-każ u kkonfermata mill-uffiċjal li kien ħadem fuq dik l-investigazzjoni u li għaraf lill-persuna tar-ritratt ġewwa l-Bank bħala l-imputat fil-każ odjern.[88]

Fl-istqarrija tiegħu, **l-imputat l-ewwel ċaħad** li beritta bħal dik kienet tiegħu u kkonfronta lill-investigaturi bil-fatt li ma kinux sabu waħda bħala meta fittxew fir-residenza tiegħu. Kompla jinsisti u spjega :

> "*Matthew Camilleri: Eżatt, jekk trid ticcekja l-cameras biex tara jekkx f'ebda hin xi hadd rega' dahal god-dar minn x'hin tlaqt mid-dar jiena mill-hdax ta' filghodu (11:00am) tista' ticcekja jigifieri hadd ma dahal jew miss xi haga, jew heba xi haga jew rama xi haga- hadd*
> *Spettur Lydon Zammit: Il-problema li mhux minn kullimkien hemm il-cameras*
> *...........*
> *Matthew Camilleri: F'liema sens mhux kullimkien?*
> *Spettur Lydon Zammit: Mhux kullimkien hemm il-cameras.*" [89]

Imbagħad, **wara li kien diġà ċaħad li dik il-beritta fil-filmati kienet tiegħu, l-imputat jinqabad f'kontradizzjoni meta jistqarr li ma setax jgħid jekk kellux beritta bħalha fil-passat** peress li kien jixtri ħafna ħwejjeġ. Kompla jispjega illi:

[87] **DokYB1** *Hat Comparison* a fol.524-526
[88] Xhieda a fol.529-532
[89] Stqarrija a fol.446

*"Li naf zgur li sakemm jiena kont il-habs, insteraqli kollox mid-dar. Meta nghidlek kollox, kollox. Kollox sa televixins haduli ghax fdajt in-nies biex joqoghdu ma kellhomx fejn joqoghdu".*[90]

Iżda meta mistoqsi jekk għamilx rapport lill-pulizija dwar tali serq, l-imputat wieġeb fin-negattiv għax qal li kien jaf lil min ħadlu ħwejġu minn daru u peress li dawn il-persuni kellhom *"problema"* ma riedx idaħħalhom fl-inkwiet!. Mur emmnu meta ma ħasibhiex darbtejn jipprova jdaħħal uffiċjali tal-pulizija fl-inkwiet meta allega li ġie msawwat minnhom u dan wara li b'viltà wara li akkumpanjawh bil-għan li jiskolpa lilu nnifsu, ħarbilhom!!

Camilleri kompla jgħazaq fl-istqarrija minn tiegħu Qal li kellu madwar għaxar brieret, iżda ma setax jiftakar kellux waħda bħal dik partikolari għaliex dak iż-zmien, jiġifieri qabel daħal il-ħabs, kien qiegħed fuq id-droga u *"il-moħħ ma jiffunzjonax."*[91] Dan propju meta jidher f'ritratt liebes dik l-istess berritta u mingħajr ma joffri spjegazzjoni dwar kemm il-darba ma kienitx tiegħu minn fejn ġabha!!

Jingħad bla tlaqliq li l-Qorti mhi xejn konvinta mill-ispjegazzjonijiet li ttenta joffri l-imputat dwar dan l-indizju ferm importanti.

Skont l-abbli difiża, din il-prova relatata mal-beritta tas-suspettat ma treġġix. Fit-trattazzjoni finali, id-difiża argumentat illi l-prosekuzzjoni kellha tirrikorri għal tali paragun mal-beritta li Camilleri kien deher liebes fil-filmat meħud minn investigazzjoni oħra, għaliex fil-filmati relatati mal-każ in eżami, is-suspettat kien liebes maskra u ma kienx jingħaraf. Iżda l-Qorti temmen illi din it-teżi difensjonali ma treġix.

Il-Qorti tosserva illi din il-beritta hija biss waħda minn bosta indizji mressqa mill-prosekuzzjoni li, meta analizzati flimkien, jippuntaw f'direzzjoni waħda u jkomplu jsaħħu l-konvinċiment morali tal-Qorti, oltre **x-xhieda inkonfutabbli ta' Sarah Zammit kif ukoll tax-xhud okulari li għaraf lill-imputat, li wara dik il-maskra u taħt dik il-beritta kien hemm tassew l-imputat.**

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Grech**[92]

> ...il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu suffiċjenti biex inisslu konvinċiment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita` ta' l-imputat.

[90] Stqarrija a fol.447
[91] Stqarrija a fol.449
[92] App.Krim per Onor Imħallef Noel V. Arrigo, deċiża fis-6 t'April, 2001

Il-Qrati tagħna tkellmu fit-tul dwar il-materja ta' provi indizzjarji jew dik li tissejjaħ "*circumstantial evidence.*" Il-Qorti tal-Appell fil-każ **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer**[93] qalet, fir-rigward ta' provi ċirkostanzjali, illi:

> ....biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw għall-konkluzjoni wahda u wahda biss.
>
> Meta persuna tkun qieghda tikkunsidra biex taghmel reat din taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u responsabilta` taghha *għal* dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi indizji illi kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.

Ikkunsidrat ulterjorment,

<u>Konklużjoni dwar l-imputazzjonijiet wieħed (1) sa erba' (4)</u>

Magħdud dan kollu, jemerġu s-segwenti provi saljenti:

- Fl-istqarrija Camilleri jinnega li kien ikkomunika ma Zammit u jisħaq li minn dak il-jum li Brincat 'ħadlu' il-mobile, ma kkomunikax magħha ħlief bil-Messenger. Meta muri l-*footages* u *stills*, jinsisti li ma setax jagħraf lill-persuna femminili għaliex wiċċha kien mgħotti.[94]

- <u>Sarah Zammit</u> tikkonferma li fit-tlett (3) serqiet, fejn tidher fis-cctv *footage*s elevati mill-ħwienet rispetti, li kienu fil-mira ta' Camilleri fit-12 u fl-14 ta' Novembru, 2020, twettqu minnha flimkien miegħu.

- Ma jressaq ebda prova għaliex Sarah Zammit kellha tigdeb dwaru!

- <u>Fertate,</u> l-impjegat fil-Convenience Store ta' Ħal-Balzan, xehed kif il-ħallelin telqu minn fuq il-post ġo Peugeot silver bin-numru ta' reġistrazzjoni CCF 804.

- <u>Is-CCTVs mit-tliet ħwienet</u> ikkonfermaw li ż-żewġ persuni li daħlu fil-ħwienet kienu l-istess tnejn fit-tliet inċidenti. Fihom tidher vettura griża li kellha l-bieba tax-xufier sewda.

- <u>Elton Brincat</u> ikkonferma li hu s-sid tal-Peugeot silver numru ta' reġistrazzjoni CCF 804, bil-bieba tax-xufier sewda.

---

[93] App.Krim per Onor Imħallef Michael Mallia, deċiża fit-8 ta' Mejju, 2014
[94] Fol.440

- Brincat spjega mal-pulizija illi fit-12 u fl-14 ta' Novembru filgħaxija kien taha l-vettura tiegħu lil ċertu Matthew Camilleri li kellu jagħtih xi flus. Camilleri kien qallu li kellu bżonn il-vettura biex imur iġib flus mingħand iz-zija biex jagħtihomlu.

  Dan meta fl-interrogatorju tiegħu l-imputat kien saħaq li qatt ma kien rikeb fiha jew saq dik il-vettura, *"Qatt.....Qatt"*.[95]

- Fil-frattemp, Brincat baqa' jistenna fir-residenza ta' Camilleri ġewwa l-Gżira. *Localisation data* in konnessjoni mal-*mobile* ta' Brincat, ikkonfermat dak il-fatt kif ukoll illi kienu għaddew xi messaġġi bejn Brincat u Camilleri waqt li dan tal-aħħar kien bil-vettura tal-ieħor. Ix-xhud spjega li dawn iż-żewġ episodji seħħew wara s-sitta ta' filgħaxija. Sakemm kien qed jistenna fir-residenza tal-imputat, ix-xhud bgħatlu xi messaġġi. Kompla jispjega li l-imputat ma qabdux meta pprova jċempillu u għalhekk bgħatlu l-messaġġi biex jara kemm kien se jdum.

- Dan jiġi pruvat mill-*attempts* li jsiru kif jixhed il-*call profile* tal-imputat fejn jirrigwarda in-numru ta Brincat u ċioè dak 99115315.

- L-imputat jikkonferma n-numru tal-mobile tiegħu li fuq saru kuntatti mal-pulizija kien **99665188**.[96] Għalhekk ma jistax ikun li l-mobile kien ttieħidlu minn Brincat meta aktar kmieni fl-interrogazzjoni jsemmi li minn dakinhar li ttieħidlu minn Brincat fejn skond Camilleri beda juza mobile nru.79207538.[97]

  Jibqa' l-fatt li meta l-pulizija riedet ittieh il-beneficċju tad-dubbju u huwa ttieħed d-dar biex iġib dan il-mobile, jonqos milli jagħmel dan u minflok ħarab lill-pulizija.

  **Tassew komportament ta' min m'għandux x'jaħbi w hu innoċenti!**

- Informazzjoni pprovduta mis-*service provider* dwar in-numru reġistrat f'isem l-imputat, ikkonfermat dan il-kuntatt bejnu w bejn Brincat fil-ġranet u s-sigħat li fihom seħħew l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri.

[95] Ibid.
[96] Fol.458
[97] Fol.428

Dawn il-fatti rriżultaw mill-call profile u localization data tan-numri ċellulari tiegħu u ta' Zammit fejn inqabdu jikkomunikaw ma' xulxin fl-istess waqt illi ż-żewġ suspettati dehru jitkellmu fuq il-*mobile* fis-CCTV relatat mal-inċident ġewwa l-*Convenience Shop* ta' Ħal Balzan.[98]

- Anke hawn ma jagħmel l-ebda sens li Brincat – li suppost ħadlu l-mobile – kien qed jikkomunika ma Zammit. Brincat jiċħad dan kollu tant li kien baqa d-dar jistennih u l-*call profile* tal-imputat juri diversi tentattivi kif ukoll telefonati li saru bejn l-imputat fuq in-numru tiegħu 99665188 u dak ta' Brincat 99115315!

  Bit-teżi ludikra tiegħu irid jitwemmen li fil-ħinijiet tas-serqiet addebitati lilu, Brincat kien qed iċċempel u jibgħat messaġġi fuq il-mobile ta' Camilleri li kien f'idejh!!

- Braxton Catungal Brual, *shop assistant* f'*The Convenience Shop,* Ħal Balzan, għaraf lill-imputat fl-awla bħala l-ħalliel.[99]

- L-għemil tal-imputat fil-kors tal-investigazzjoni ċertament mhux wieħed ta' bniedem li jrid jiskolpa ruħu bis-sewwa iżda jagħmel minn kollox biex jevadi l-Ġustizzja:

  (a) Ħarab propju fil-ħin li suppost kien qed jakkumpanja lill-pulizija biex iġib il-prova, permezz ta mobile iehor, li ma kellux involviment fis-serqiet li kien qed jiġi investigat dwarhom;

  (b) Wara li ħarab u reġa' nqabad fil-*ground* tal-iskola, dan ilmenta minn uġigħ u l-Pulizija b'etika ħaditu il-Policlinic tal-Furjana minn fejn ġie riferut għal Mater Dei. Dan inżamm l-isptar u għalhekk ingħata l-*police bail* għall-20 ta' Novembru. Il-pulizija ġiet infurmata li madwar għoxrin (20) minuta wara li ġie rikoverat telaq mill-isptar.

Dawn l-episodji jimmanifestaw il-karattru qarrieqi w inaffidabbli tal-imputat.

- Il-ħażen ta' Camilleri jkompli jintwera kif wara li nqabad mill-pulizija, allega li kien qed jiġi msawwat. Allegazzjoni li ġiet mxejjna minn PC Jurgen Sciriha li nzerta kien fuq *training* fil-*ground* fejn inqabad l-imputat.

---

[98] Fol.458-465
[99] Fol.296-302

- Konfuzjoni f'dak li jgħid dwar il-berritta meta ikkonfrontat b'*stills* li jurih liebes l-istess berritta waqt is-serqiet. Għal bidu jwieġeb ***"Dik il-beritta m'hijiex tiegħi***[100]***..... "Dik il-berritta m'hijiex tiegħi"***[101] iżda muri l-*stills* iddawwar il-verżjoni u jistqarr li kien jixtri ħafna ħwejjeġ u ma setax jiftakar jekk kellux waħda bħalha fil-passat. Kompla jispjega illi waqt li kien il-ħabs, kien insteraqlu kollox mid-dar, iżda ma kienx għamel rapport.

  **B'hekk il-verżjoni tiegħu tibqa mhux issostanzjata bl-ebda mod, mingħajr farka ta' prova.**

Ikkunsidrat ulterjorment,

Kwalunkwe teżi li javvanza Matthew Camilleri tibqa mingħajr korroborazzjoni, mqar sal-grad tal-possibbli grad li ma jiswa għalxejn. It-teżi difensjonali tal-imputat, jekk qatt kellu waħda tenut kont li kien biss fl-interrogatorju u fit-trattazzjoni orali li jiġu avvanzati argumenti intiżi biex jiskolpawh, hija sajma minn kull traċċa ta' prova, tibqa mingħajr korroborazzjoni.

Hawn ukoll jingħad kif is-sottomissjonijiet avvanzati mill-abbli difensur tal-imputat fil-kors tat-trattazzjoni finali, ma setgħu qatt jissostitwixxu dak li kellu jiġi pruvat permezz ta' provi u xiehda.

Jibqa' ma jistax jagħti spjegazzjoni li għandha mis-sewwa, jew minn tal-anqas mis-sens komun, kif in-numru tiegħu kien qed jikkomunika ma' Zammit fil-ħin tas-serqa. Lanqas joffri xi verżjoni għaliex kien jinsab Ħal Balzan fil-ħin tas-serqa.

Għaldaqstant, mill-assjem tal-provi u fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel erba' imputazzjonijiet kienu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

*Il-Ħames imputazzjoni*

Il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni naqset milli tissostanzja din l-imputazzjoni li permezz tagħha kellha tipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi l-imputat "xjentement" issoprima jew b'xi mod qered jew biddel it-traċċi jew indizji ta'

[100] Fol.443
[101] Fol.446

reat. Waqt l-istqarrija tal-imputat, l-investigatur qallu aktar minn darba illi "*mhux kullimkien hemm il-cameras,*" bħal donnu biex jagħti x'jifhem illi l-imputat seta' aċċeda għar-residenza min-naħa ta' wara u possibbilment ħassar xi evidenza materjali li setgħet torbtu mar-reati meta diġà kien jaf li kien imfittex mill-pulizija.

Iżda l-prosekuzzjoni effettivament ma ressqet l-ebda prova biex torbot lill-imputat ma' dan ir-reat. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma ġietx suffiċjentement ippruvata.

*<u>Is-Sitt Imputazzjoni</u>*

Il-prosekuzzjoni qed takkuża lill-imputat bir-reat ta' ħarba sempliċi minħabba episodju li seħħ meta kien taħt arrest. Waqt l-interrogazzjoni tiegħu, l-imputat stqarr illi fir-residenza tiegħu kellu *mobile* li seta' jeżonerah. Hu insista li ġo dak il-*mobile* kien hemm komunikazzjoni ma' Elton Brincat wara li l-istess Brincat kien ħadlu l-*mobile* l-ieħor:

> *"Jiena nista nurik ukoll messaggi li ntbaghtu go ......dan li qed tghid inti s-Sibt meta gieni quddiem il-b il-bieb tad-dar pero` mhux minn dal-mob mobile li qed tghid inti...."*[102]

Mill-atti proċesswali jirriżulta mhux kontradett illi żewġ uffiċjali, PS1255 u PC1087, kienu ordnati jeskortaw lill-imputat ġewwa r-residenza tiegħu sabiex iġib dak il-*mobile.* Iżda meta waslu hemmhekk, beda jgħidilhom li l-bieb tal-garaxx ma kienx qed jiffunzjona sew għaliex beda jitla' ftit, bħal donnu jeħel u mbagħad jerġa' jinżel. Bl-iskuża li seta' jirranġa l-mekkaniżmu minn ġewwa, l-imputat f'salt wieħed irrombla minn taħt il-bieb, għalqu warajh u ħarab. Għalxejn l-uffiċjali bdew iħabbtu fuq il-bieb u jordnawlu biex jiftaħ, l-imputat baqa' ma fetaħx. Kien biss ftit minuti wara illi hu reġa' nqabad grazzi għall-intervent f'waqtu ta' wieħed mill-uffiċjali li issuspetta li l-imputat seta' ħarab min-naħa ta' wara tar-residenza tiegħu. Fil-fatt, huwa ġie arrestat fil-*grounds* ta' skola li kienet tiġi wara l-garaxx tiegħu.[103]

F'tali xenarju, l-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena.

---

[102] Stqarrija a fol.464
[103] Xhieda a fol.489-494

> F'dan l-artikolu "priġunier" tfisser kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar.

Imbagħad, l-artikolu 160 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 151 sal-159 inklużivament igħoddu fil-każ ta' ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom.

Iżda peress illi l-istess Kodiċi ma jfissirx x'inhu "*lok maħtur għall-kustodja,*" trid issir referenza għall-Avviż Legali 437, Leġislazzjoni Sussidjarja 9.08 li jiddenomina s-segwenti postijiet bħala postijiet ta' kustodja għall-għanijiet tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè`: il-*lock-up* fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana, il-*lock-up* fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja fil-Belt Valletta u l-*lock-up* fejn tinsab it-taqsima amministrattiva tal-Pulizija, Victoria, Għawdex.

Fil-każ in eżami, **l-imputat la kien "ikkundannat" jew "priġunier"** ai termini tal-artikolu 151 u għalkemm kien persuna "miżmuma skont il-liġi," ma ħarabx "minn lok maħtur għall-kustodja" ai termini tal-artikolu 160.

Għalhekk huwa ovvju illi teżisti *lacuna* minħabba li l-liġi kif għada sal-lum, tagħti lok biex persuna li taħrab mill-kustodja tal-pulizija tispiċċa taħrab mill-konsegwenzi penali għal tali għemil. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Leon Borg** il-Qorti eżaminat *funditus* l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet meta qalet:

> Issa l-artikolu 151 kien l-aħħar emendat fl-1999 b'sostituzzjoni tal-artikolu precedenti. L-artikolu 160 baqa' mhux mibdul kif introdott fl-1903. Dan ifisser illi l-legislatur ma rraviza ebda htiega ta' tibdil fl-artikolu 151 biex fih jinkludi persuni suspettati ta' kommissjoni ta' reat, mhux mizmuma f'habs, li jaharbu minn ghassa tal-Pulizija jew mill-kustodja ta' persuna nkarigata mill-kustodja taghhom. Il-Professur Sir Anthony Mamo, Notes on Criminal Law- revised Edition 1954-1955 a fol.113, meta jiccita lil Roberti u lill-Carrara jghid hekk: *"Our law is fully in accordance with this doctrine. It does not visit with any punishment the simple escape from places of confinement of persons who are under arrest or in custody but not yet condemned by a sentence of a competent court. [din tal-ahhar mhix strettament konformi mal-artikolu 151]. This clearly emerges from sec.149 Criminal Code which deals with the crime of simple escape and limits it only to "any person under sentence." (v. Rex vs Mercieca 25/4/1924; "Law Reports Vol XXV Part IV p.8671; Criminal Appeal: "Police vs Sacco 28/12/1942)".*[104]

L-istess insenjament ġie applikat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Nico Spalding** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi: [105]

---

[104] Deċiża per Onor. Imħallef Giovanni Grixti, l-1 ta' Frar, 2018
[105] Deċiża per Onor. Imħallef Edwina Grima fis-6 ta' Jannar, 2021

> Issa *għal*kemm l-pulizija inkarigati b'dan l-arrest kienu wkoll inkarigati biż żamma tal-appellant u allura l-kustodja tiegħu fil-mument tal-arrest tiegħu kif ukoll tul triqtu lejn il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin fejn kellu jibda jiskonta l-piena n kwistjoni, l-artikolu 160 jaghmilha cara illi sabiex jissussisti r-reat, il-harba tal-awtur tar-reat trid necessarjament issehh minn lok mahtur *għal*l-kustodja tieghu. Illi certament il-post tar-residenza tal-appellant ma kienx dak il-post mahtur *għal* kustodja tieghu, u allura *għal*kemm huwa minnu li l-appellant ittenta jahrab mill-kustodja tal-pulizija li kienu ser jipprocedu *għal*l-arrest u zamma tieghu bil-ghan li jittiehed lejn dak il-post ta' kustodja appuntat *għal*ih, madanakollu fil-mument tal-harba huwa kien ghadu ma kienx f'dan il-lok ta' kustodja li *għal*ih jaghmel referenza l-artikolu 151.

L-istess Qorti kompliet tispjega :

> Illi kif tajjeb qalet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fil-kaz ta' Leon Borg, hawn fuq iccitat, *għal*kemm il-legislatur issostitwixxa l-artikolu 151 permezz ta'l-Att VII tal-1999, madanakollu ma hasibx ukoll biex jaghmel it tibdil mehtieg fl-artikolu 160 biex b'hekk allura il-parametri li fihom isib applikazzjoni l-artikolu 151 huma limitati u cirkoskritti minn dak imfassal fl-imsemmi artikolu 160. Fil-fatt l-artikolu 151, qabel l-introduzzjoni tal emenda, kien jirreferi *għal* harba semplici ta' persuna issentenzjata, bl artikolu 152, imbaghad jirreferi *għal* harba ta' persuna minn lok mahtur *għal* kustodja tieghu meta din issir bi vjolenza, bil-ligi allura qabel l introduzzjoni tal-emenda fl-1999 ma kenitx tinkludi dawk il-persuni mizmuma taht kustodja, imma mhux issentenzjati, bl-artikolu 153 li gie emendat imbaghad fl-1971 u l-1981 jikkontempla *għal*l-ewwel darba dik il persuna mizmuma taht arrest ukoll.
>
> Dan maghdud, madanakollu gjaldarba l-legislatur emenda l-ligi f'bicciet u mhux b'mod holistiku, dan wassal sabiex l-parametri li fih isib applikazzjoni l-artikolu 151, u l-artikoli l-ohra li jsegwu, huma limitati kif imfassal fl artikolu 160 u ċioè' *għal* dik il-harba li issehh unikament minn dak il-lok mahtur *għal* kustodja ta' dik il-persuna.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, l-imputat fil-każ in eżami mhux qed jinstab ħati tar-reat ta' ħarba sempliċi.

Għalhekk din il-Qorti **<u>ttenni l-appell magħmul mill-Qorti tal-Appell Kriminali,</u>** fis-sentenza appena ċitata, sabiex isir it-tibdil neċessarju fil-liġi u għal dan il-għan sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat, *inter alia,* lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

*<u>Is-Seba', t-Tmin u d-Disa' Imputazzjoni</u>*

Dawn l-imputazzjonijiet huma konnessi ma' inċident li seħħ immedjatament wara l-episodju tal-ħarba li bl-ebda mod ma ġiet ikkontestata bħala fatt.

Dak li kkontestat l-abbli difiża kien il-fatt illi, skontha, l-pulizija messhom ħadu l-prekawzjonijiet kollha billi żammew lill-imputat immanettjat sakemm skortawh lejn ir-residenza tiegħu u lura lejn id-depot. B'hekk setgħu evitaw l-inċident li minħabba fih l-imputat spiċċa akkużat b'offiża u theddid fil-konfront

ta' dawk l-uffiċjali pubbliċi. Id-difiża sostniet illi ma kien hemm l-ebda vjolenza fil-konfront tal-pulizija għaliex meta *"mbagħad mar u qabez fil-bitħa fil-verita` dan waqa' mal-art u arrestawh."* L-uffiċjal li ġera wara l-imputat u rnexxielu jarrestah, jagħti verżjoni pjuttost differenti:

> *".....dak il-ħin stess, jien mort niġri għal din l-iskola. Qbiżt ġo l-iskola. Hemmhekk rajt figura għaddejja. Ma kontx naf min hu dak il-ħin u bdejt ngħidlu biex jieqaf. Xħin ġejt viċin indunajt li kien Matthew Camilleri. Xħin wasalt viċin tiegħu, erġajt* ***għedtlu li hu kien għadu kif ħarab mill-arrest, pero ma tax kasi****. Telaq jiġri u qabeż ġol-ħaxix. Dak il-ħin jiena mort fuqu. Fil-ħaxix ma stajtx insibu mal-ewwel imma mbagħad instab. Xħin sibtu beda jirreżisti għax baqagħli mal-art u ma riedx iqum. Kelli nimmanettjalu idejh u għamiltlu manetta waħda ma' jdejh u l-manetta l-oħra mal-fence tal-grawnd. Dak il-ħin xhin qam,* ***pprova lili jimbuttani pero ma rnexxielux****. Xħin konna hemmhekk dak il-ħin, xħin kien immanettjat, beda jgħajjat li jien bdejt insawwtu. Jien ersaqt naqra l-bogħod minnu u fil-fatt neħħejt idejja u fil-ħin li beda jgħajjat li qed insawwtu, avviċinatna persuna li kienet fuq il-post u baqa' jgħid li jiena bdejt insawwtu. Sadanittant lili* ***beda jgħidli li jekk inħoll il-manetti li kien se jifqagħni u li kien se jaqbad itini."***[106]

Il-verżjoni ta' dan l-uffiċjal, kienet korroborata mix-xhieda okulari ta' terz li inzerta kien uffiċjal tal-pulizija pajżan, PC411 Jurgen Sciriha, li dak il-ħin kien qiegħed ġol-*ground* tal-Gzira waqt sessjoni ta' *training* tal- *football.* Meta xehed f'dawn il-proċeduri, spjega illi:

> *"F-17 ta' Novembru 2020 jien kont qieghed fil-Ground tal-Gzira għal sessjoni ta' tahrig u għal habta tas-sitta u nofs inzertajt 2 min nies jilletikaw u jinqelbu fuq xulxin dak il-hin, ovvjament jien bhala pulizija mort nara x'inhu jigri fejn innutajt li wiehed minnhom huwa Pulizija u* ***qed jipprova jarresta lill-imputat*** *li qed naghrfu hawn gew. Saqsejt lil Pulizija jekk ghandux bzonn xi haga fejn dan qalli le, fl-istess hin l-imputat beda jghajjat li qed jigi imsawwat pero li ma rajtx li kien qed jigi imsawwat".*[107]

Illi dwar dawn l-imputazzjonijiet irid jiġi puntwalizzat mill-bidu nett li hemm distinzjoni netta bejn iż-żewġ reati kontemplati bl-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm it-tnejn għandhom bħala vittma uffiċjal pubbliku. Ir-reat previst taħt l-artikolu 338(ee) huwa ta' natura kontravvenzjonali u huwa assorbit fir-reat taħt l-artikolu 96.

Issa, l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku. Din id-dispożizzjoni tkopri xenarji differenti li huma wkoll alternattivi għal xulxin:

---

[106] Xhieda a fol.490-491
[107] Xhieda a fol.470

......huwa biżżejjed li tinġieb prova ta' inġurja, theddida jew offiża fil-konfront ta' persuna li tkun inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li hu/hi jkun/tkun qed teżegwixxi l-istess u dan bit-tir li jinfluwixxi fuqu jew ifixklu fl eżekuzzjoni tal-qadi tiegħu.[108]

Għalhekk l-element materjali tar-reat huwa l-inġurja jew it-theddid, sia jekk ta' forma verbali jew miktuba, li jkunu intenzjonati biex inaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min jiġu diretti:.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida ssir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie,** li jsemmi l-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e` indifferente; la legge vede soltantonil turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita`; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.[109]

Fir-rigward tar-reat ta' attakk jew reżistenza bi vjolenza kontra uffiċjal pubbliku, previst taħt l-artikolu 96, il-Qrati jitkellmu dwar tliet elementi essenzjali biex jissusisti dan ir-reat.

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` *għal*hekk mhux sufficjenti *għal*l-kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-**Mamo** jkompli jghid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith." Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew rezistenza trid tkun necessarjament akkumpanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. *Għal*hekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu *għal*l-htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

[108] **Il-Pulizija vs Nico Spalding** *supra*
[109] **Il-Pulizija vs Wayne Deguara,** per Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fil-5 ta' Jannar, 2021. Appell Numru 49/2020

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku." .......illi huwa necessarju illi *għal*kemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficcjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-mens rea *għal* kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi *għal*-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."[110]

L-element ta' vjolenza huwa essenzjali biex jissusisti r-reat taħt l-artikolu 96. Fil-fatt, f'każ fejn il-fatti speċie kienu simili għal dawk fil-każ in eżami, il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat:

> **Umbagħad il-fatt li l-appellant "gave his captors the slip" billi qalilhom li ser imur igib is-sigarretti w minnflok telaq jigri w harab *għal* gol-eghlieqi, dan lanqas ma jammonta ghar-reat kontemplat fl-art.96 tal-Kodici Kriminali.**
>
> **Kif jghid il Prof. Sir A. J. Mamo LL.D. Q.C. – (Notes on Criminal Law (1955 edit.) Vol.II. p.55) -**
> *"If, therefore, a man makes opposition to a warrant of Seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime.....The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of Arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty."*[111]

Fil-każ in eżami, **l-imputat kien diġa` taħt arrest** meta ħarab minn taħt il-kustodja tal-uffiċjali li kienu ordnati biex jeskortawh mid-depot sar-residenza tiegħu għall-għan speċifiku li jġib il-*mobile* li, skontu, seta' jiswielu bħala prova. Wara l-ħarba, meta PC 1087 reġa' sabu fil-*ground* tal-iskola u **ordnalu biex jieqaf għaliex kien taħt arrest, l-imputat mhux biss injora dik l-ordni u baqa' jiġri, iżda meta laħqu l-pulizija, irreżista l-arrest billi ntefa' mal-art u anke pprova jimbotta lill-uffiċjal, tant li t-tnejn spiċċaw *"jinqelbu fuq xulxin"* mal-art.**[112]

Bħalma osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Saviour Ellul, John Ellul, Lawrence Ellul, Karmenu Ellul:**

---

[110] **Il-Pulizija vs Wayne Deguara,** per Onor Mħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fil-5 ta' Jannar, 2021. Appell Numru 49/2020

[111] **Il-Pulizija vs James Demanuele**, per Onor Imħallef Joseph Galea Debono, deċiża fis-16 ta' Novembru, 2006. Appell Numru 254/2006

[112] Xiehda a fol.470

Illi in kwantu *għal* forza fizika uzata fuq l-imsemmi kuntistabbli huwa opportun li jigi rilevat li dan ir-reat jimmatura anke **bl-icken uzu ta' forza.** (Ara noti Professur Anthony Mamo Pt.2 Pg.48) "The slightest use of force, however, when accompanying the attack or resistance is sufficient to constitute the material element of this crime. It has been held that for a man to lay his hands in a hostile manner on a public officer is enough to constitute a 'voie de Fait.'"[113]

Fid-dawl tal-fatti speċie ta' dan il-każ magħdud mal-ġurisprudenza suċitata, il-Qorti se ssib ħtija fuq ir-reat taħt l-artikolu 96 u mhux taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

Ir-reat kontravvenzjonali kontemplat bl-artikolu 338(ee) ġie ukoll pruvat tenut kont li meta l-kuntistabbli irnexxielu jarresta lill-imputat u mmanettjah minn id waħda mal-*fence,* l-istess imputat kompla bl-aġir aggressiv u diżubbidjenti fil-konfront tal-uffiċjal li kien qiegħed jaqdi dmiru u jesegwixxi l-istruzzjonijiet tas-superjuri tiegħu li kienu fdaw f'idejh u f'idejn il-kollega tiegħu l-kustodja tal-imputat. Meta sab ruħu mmanettjat, l-imputat beda jgħajjat u jallega li l-uffiċjal kien qed issawtu, liema allegazzjoni ġiet miċħuda mhux biss minn PC 1087 innifsu, li saħansitra qal illi resaq ftit 'l bogħod mill-imputat u neħħa idejh, iżda wkoll <u>minn **PC411 Jurgen Sciriha** xhud okulari</u> li stqarr illi *"fl-istess hin l-imputat beda jghajjat li qed jigi imsawwat pero li ma rajtx li kien qed jigi imsawwat."*[114] Iżda barra minn tali allegazzjoni ta' swat, l-imputat kompla jhedded lill-istess uffiċjal li xehed:

***"beda jgħidli li jekk inħoll il-manetti li kien se jifqagħni u li kien se jaqbad itini".***[115]

<u>*L-Għaxar u l-Ħdax-il Imputazzjoni*</u>

Il-provi li għandhom jinġiebu biex jippruvaw li hemm ksur ta' digrieti dwar kundizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest ġew eżaminati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċediment **Il-Pulizija vs Tyson Grech,** każ fejn l-imputat kien akkużat li ma kienx qed isegwi l-kondizzjonijiet ta' rinkażar:[116]

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jissottometti li l-Qorti tal Maġistrati ma setgħetx b'mod legali ssibu ħati għaliex il-każ ma kienx ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Jisħaq li l Prosekuzzjoni ma ressqitx lir-Reġistratur tal-Qorti biex sabiex jikkonferma: (a) iż-żewġ digrieti u <u>l-awtentiċita'</u> tagħhom, (b) li l <u>kawżi għadhom pendenti</u>, (ċ) li d-digrieti għadhom viġenti u (d) li d-<u>digrieti ma nbidlux</u> ..................

[113] Per Onor Imħallef Carmel A.Agius, deċiża fit-30 t'Ottubru, 2001. Appell Numru 285/93
[114] Xhieda a fol.470
[115] Xhieda a fol.490-491
[116] Per Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Seduta 22.05.2023; Appell Numru 293/2021/1

Illi l-appellant jisħaq li kellu jixhed ir-Reġistratur tal-Qorti dwar dak li ġie msemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Din il-Qorti tinnota li dan waħdu mhux neċessarju u ser tgħid ir-raġunijiet għala.

Illi fir-rigward tad-digriet tal-liberta' proviżorja datat 9 ta' Settembru 2019 (Dok. "JR 2" – a fol. 5) li l-Uffiċjal Prosekutur fuqu huwa ndikat bħala l-iSpettur Eman Hayman, din il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Settembru 2021 (a fol. 8 et seq.) hemm imniżżel li d-difiża kienet qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bħala xhud lill-iSpettur Eman Hayman sabiex jidentifika lill-appellant bħala l-istess Tyson Grech imsemmi fid-digriet in kwistjoni, m'hemmx imniżżel pero' jekk il-kundizzjoni tar-rinkażar kinitx għadha in vigore jew jekk 6 293/2021/1 NC kinitx ġietx varjata u jekk il-proċeduri in kwistjoni kienux għadhom fis-seħħ. Dan kien neċessarju li jsir u fin-nuqqas ta' tali eżenzjoni fis-sens appena msemmi, l-iSpettur Eman Hayman kellu jiġi prodott biex jixhed dwar dan. Minkejja li l-Ġudikant fil-każ fejn l-appellant ingħata l-ħelsien mill-arrest fid-9 ta' Settembru 2019 kienet l-istess waħda li tat is-sentenza appellata, pero' l-provi għandhom jirriżultaw mill-atti proċesswali u minn imkien ieħor.

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni donnha ma għamlitx distinzjoni bejn il-prova tal-identita' għall-fini tar-reċidiva u l prova li trid titressaq fil-każ li persuna tkun mixlija li kisret il kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest. F'dan il-każ, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kundizzjonijiet ikunu ngħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kundizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont Artikolu 416(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument tal kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li kienu għadhom pendenti ladarba din il-prova ma tressqitx fl-atti mill Prosekuzzjoni. [emfasi ta din il-Qorti]

Issa l-kundizzjoni li qed jiġi akkużat li kiser l-imputat hi dik numru erba' (4) u ċioè li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja; **kundizzjoni li qatt ma tiġi varjata jew revokata tenut kont li din hi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi stess tipprefiġġi u ċioe dik fl-artikolu 575(1)(e) tal-Kodiċi kriminali.**

Għalhekk m'hemmx dubbju li din il-kundizzjoni kienet għada fis-seħħ sa żmien li ntemmu l-proċeduri. Lanqas ma kien meħtieġ li tali digriet jiġi awtentikat ossia tiġi kkonfermata l-awtentiċita tiegħu mir-Reġistratur tal-Qorti.

Propju dwar dan xehed l-**Ispettur Mario Xiberras,** wara li kkonferma kundizzjonijiet t' ħelsien mill-arrest[117] mogħtija lill-imputat fi proċediment li ġie fi tmiemu bis-sejbien ta' ħtija tal-imputat nhar l-24 ta' Frar, 2021, data wara li seħħew ir-reati li qed jiġi imputat bihom Matthew Camilleri.[118]

B'konsegwenza, ix-xiehda ta' Xiberras twassal lill-Qorti ssib li fi żmien tal-akkużi addebitati dan l-Ordni kien għadu fis-seħħ. Madanakollu tenut kont li

117 **Dok.LZ10** a fol.95
118 Fol.537-538

dawk il-proċeduri ġew fi tmiemhom ma tistax tiġi konfiskata l-garanzija w lanqas ma jista' jiġi ordnat ir-riarrest tal-imputat.

B'hekk l-imputazzjoni numru ħdax (11) ġiet soddisfaċentement ippruvata għal kuntrarju tal-imputazzjoni numru għaxra (10) u ċioè il-ksur tad-digriet mogħti mill-Onor Imħallef Dr Edwina Grima nhar l-24 ta' Jannar 2020. Dwar dan id-digriet ma ttella' ħadd la biex jikkonferma l-identità tal-imputat indikat f'dawk il-proċeduri, jekk dak il-proċedument kienx għadu pendenti w wisq anqas dwar il-viġenza ta' dawk il-kundizzjonijiet fiż-żmien tal-imputazzjonijiet addebitati lilu f'dan il-proċediment.

*It-Tnax-il Imputazzjoni*

Din l-imputazzjoni tirrigwarda l-allegat ksur ta' ordni taħt l-artikolu 7 tal-Kap 446 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-22 ta' Jannar, 2018.[119]

Kif tajjeb argumentat l-abbli difiża, tali ordni kellha tapplika għal sentejn mid-data ta' dik is-sentenza u għaldaqstant ma kienitx aktar effettiva meta seħħew ir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk ma tistax tinstab ħtija fuq din l-imputazzjoni.

*It-Tlettax-il Imputazzjoni*

Il-prosekuzzjoni akkużat lill-imputat bi ksur ta' *Police Bail* mogħti lilu fit-18 ta' Novembru, 2020 wara li kien miżmum l-isptar Mater Dei peress illi beda jilmenta minn xi uġiegħ wara l-episodju tal-ħarba. Skond dawk il-kundizzjonijiet ta' rilaxx, l-imputat kellu jirrapporta fl-uffiċju tal-Ispettur Stephen Gulia fl-20 ta' Novembru, 2020 fid-9:00Hrs.[120]

Id-dokument ta' rilaxx kien ukoll konfermat taħt ġurament mill-uffiċjal li ħarġu fuq ordni tas-superjuri tiegħu.[121] L-Ispettur Stephen Gulia xehed illi dakinhar stess li ngħata l-*police bail,* fil-fatt xi għoxrin minuta biss wara li nżamm l-isptar, l-imputat kien telaq mingħajr ma nforma lil ħadd.

---

[119] **Dok.AB1** a fol.564-565
[120] **Dok LZ6** a fol. 90
[121] Xiehda ta' PS1289 Andre Cassar a fol.545-546

Fl-20 ta' Novembru ma żammx mal-ħin ordnat lilu skond il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni li bih ingħata l-*police bail*, u wasal fl-uffiċini tal-pulizija għall-ħabta tal-ħdax neqsin għoxrin, wara li ċempel fid-9:35hrs biex javża li ma kellux trasport biex imur.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, anke din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

L-Addebitu tar-Reċidiva

Il-prosekuzzjoni ppreżentat kopji uffiċjali ta' erba' sentenzi fil-konfront tal-imputat, **li fihom jidhru l-konnotati tiegħu:**[122]

- **Il-Pulizija vs Matthew Camilleri** mogħtija mill-Maġistrat, illum Imħallef, Dr. Aaron Bugeja fit-22 ta' Jannar, 2018 li permezz tagħha l-imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal sentejn.[123]

- **Il-Pulizija vs Matthew Camilleri** mogħtija mill-Maġistrat, illum Imħallef, Doreen Clarke, fit-28 ta' Novembru, 2012 li permezz tagħha l-imputat kien ikkundannat għal erba' snin priġunerija fuq diversi kapijiet ta' serq.[124]

- **Il-Pulizija vs Matthew Camilleri** mogħtija mill-Maġistrat Carol Peralta, fit-18 ta' Diċembru, 2012 li permezz tagħha l-imputat kien ikkundannat għal sentejn priġunerija wara li nstab ħati ta' diversi reati ta' serq.[125]

Ġie konfermat mir-Reġistratur tal-Qorti, li ma kienx ġie intavolat appell minn dawn is-sentenzi.[126] Għaldaqstant dawn is-sentenzi kienu lkoll *res judicata* fiż-żmien li twettqu r-reati addebitati lill-imputat.

Sentenza oħra prezentata kienet dik mogħtija mill-Maġistrat Yana Micallef Stafrace, fit-18 ta' Frar, 2019, li permezz tagħha l-Qorti irrevokat *contrario imperio* id-digriet ta' ħelsien mill-arrest, ordnat l-arrest tal-imputat u kkundannatu multa ta' €500.[127] Peress li ma jirriżultax li dik il-multa qatt

---

[122] Xiehda ta' Spettur Gulia a fol.563
[123] **Dok.AB1** a fol.564-565
[124] **Dok DC1** a fol. 566-573
[125] **Dok CP1** a fol.574-579
[126] Fol.587
[127] **Dok YMS** a fol.580-581

tħallset,[128] din is-sentenza ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni ai fini tar-reċidiva.

Rigward is-sentenzi fuq msemmija, ġie pruvat l-addebitu tar-reċidiva limitatament ai termini tal-artikolu 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset in-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll il-karattru xejn affidabbli tiegħu kif rifless mhux biss fil-fedina penali li hija waħda ferm preokkupanti għall-Qorti, iżda wkoll mill-mod li ġab ruħu matul l-investigazzjoni relatata ma' dan il-każ.

Jiġi osservat li meta l-investigaturi taw l-opportunita` lil Camilleri sabiex imur lura fir-residenza tiegħu biex iġib *mobile* li skontu seta' jiskolpah, huwa rema dik l-opportunita` u minflok ħoloq inċident ieħor li wassal għal aktar imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu.

Imbgħad l-atteġġjament tiegħu fil-konfront tal-uffiċjali li kienu qegħdin jaqdu dmirhom fis-soċjetà` u jesegwixxu l-ordnijiet tas-superjuri tagħhom, kompla jirrifletti n-nuqqas ta' rispett tal-imputat fil-konfront tal-awtoritajiet, inkluż dawk ġudizzjarji, minkejja li dawn taw lill-istess imputat bosta opportunitajiet sabiex jirriforma ruħu u jaqbad it-triq it-tajba. Il-Qorti tqis li m'għandhiex alternattiva ħlief li timponi piena karċerarja effettiva.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat baqa qatt ma wera xi forma ta' rimors għall-għemilu.

Inoltrè l-Qorti qed issib lill-imputat **reċidiv anke ai termini tal-Artikolu 289** tal-Kodiċi Kriminali kif jixhdu s-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-28 ta' Novembru, 2012 [129] u fit-18 ta' Diċembru 2012[130] F'dan il-każ l-imputat qed jinstab ħati tat-tielet kundanna ta' serq tenut kont li qed jittieħdu in konsiderazzjoni is-sentenzi li ġew esibiti biss u mhux sejbien ta' ħtija oħra mniżżla fuq il-fedina penali li jirrisalu sa mill-2004. L-artikolu 289 jipprovdi:

---

[128] Fol.590
[129] **Dok.DC1** a fol.566-573
[130] **Dok.CP1** a fol.574-579

> **289.** (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-Sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi

B'hekk, ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-piena erogabbli għal reat ikkonsmat ta' serq minn Xmun Confectionery B'Kara[131] aggravat bil-valur **(€730)**, bil-ħin u bil-mezz, hi dik ta' priġunerija bejn seba' (7) xhur u erba' (4) snin li m'għandhiex tinghata fil-minimu. B'żieda ta' tlett gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, tenut kont li **abbażi tas-sentenzi esibiti din hi t-tielet (3) kundanna fuq serq,** din tiżdied *għal* priġunerija ta' bejn it-tmintax (18) il-xahar u is-seba' (7) snin, li ma għandhiex tingħata fil-minimu w għalhekk l-minimu kontemplat għal din l-ewwel imputazzjoni hu dak ta' tnejn u għoxrin (22) xahar priġunerija.

Skond l-artikolu 278(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-piena erogabbli għas-serqa tal-*cash drawer* mill-Convenience Store f' Santa Venera, li nzerta vojt wara li Camilleri qabad dak li ma kienx fiħ il-flus[132] u li skond stima prezentata[133] jiswa €99.12c,[134] mingħajr żieda ta' reċidiva ai termini tal-artikolu 289 hi dik ta' bejn hames (5) xhur u tlett (3) snin.

Għar-reat ta' tentattiv ta' serq tal-flejjes mill-Convenience Store ta' Santa Venera[135] kif ukoll mill-Convenience Store f' Ħal-Balzan,[136] il-piena erogabbli ai termini tal-Artikolu 278(3) tal-Kodiċi, mingħajr iż-żieda fil-piena kontemplata bl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali hi dik ta' bejn ħames (5) xhur u tlett (3) snin li ma tingħatax fil-minimu.

Ikkunsidrat ulterjorment,

L-imputat hu ta' periklu w riskju kbir għas-soċjetà, lest jiddepriviha minn dak li tkun b'xogħolha w ħila stinkat għalih. Camilleri hu bniedem xprunat minn bruda totali għall-ħtiġijiet u bżonnijiet ta' hadd iehor billi jieħu dak li ma kienx kapaċi jaqla hu sforz il-ħajja t' għażż u kriminali li qabad. Il-karattru tiegħu, kif tixhed b'mod mill-aktar lampanti l-fedina penali tiegħu, hu manifestazzjoni ta' persuna nieqsa minn rispett lejn l-awtoritajiet mhux biss in kwantu tal-opportunitajiet li nghata mill-qrati biex jindirizza l-żbalji tiegħu u jaqbad it-triq tas-sewwa iżda aktar konċernanti hu l-fatt li f'diversi okkażjonijiet instab ħati ta sewqan bla liċenzja, bla assikurazzjoni għall-terzi. Ma jiddejjaq xejn iħuf fit-

[131] Imputazzjoni numru 1
[132] Imputazzjoni numru 3
[133] **Dok.JC1** a fol.237
[134] Ibid.
[135] Imputazzjoni numru 2
[136] Imputazzjoni numru 4

toroq u joħloq perikli gratwiti għall-pubbliku in ġenerali, kif lanqas ma għandu xi inibizzjoni jieħu l-frott ta' għaraq ġbin ħaddieħor li jkun ħadmu għalih.

Hi r-rebgħa nkontrollabli tiegħu għal ġid tal-oħrajn biex jiffinanzja l-vizzji u kapriċċi tiegħu waslitu għall-inkarċerazzjoni. Postu mhux fil-komunità u ċertament lanqas ma familtu li, mix-xiehda mismugħa rriżultat li minflok ikorreġewh u wissewh biex jirrispetta l-awtorità li l-Pulizija tirrapreżenta,[137] ħaduha magħhom, jiddieħku biha meta minflok kellhom jagħtu ħarsa lejhom infushom u jaraw r-riżultat tat-trobbija li tawh. L-istess familtu qatgħet qalbha minnu.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-kliem meqjus tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar kif il-Qrati huma fid-dover li permezz tas-sentenzi tagħhom jgħaddu messaġġ li ċertu għemil u kondotta ma għandhomx postha f'soċjetà li l-għan primarju tagħha hija, qabel xejn, il-preservazzjoni tagħha:[138]

> Il-Qorti trid tikkunsidra diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien qabel ma tiddeciedi fuq il-piena, u cioe': l-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, l-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb *għal* dik il-hsara, l-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni (li f'dan il-kaz kien hemm ghajnuna), l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez – li f'dan il-kaz kien hemm), jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra.
>
> Jinghad ukoll b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v.Maurice Agius16** li, '*filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`, tar-reazzjoni tas-socjeta` għal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi blog fuq l- internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax mingħalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi*.'
>
> Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant**:
>
> "*Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*."
>
> .......
>
> Illi huwa veru li l-imputat ghandu fedina penali relattivament nadifa salv *għal* xi kontravenzjonijiet u reat zghir w *għal*hekk ghandu jigi trattat kwazi kwazi bhala a first time offender, pero' dan ma

---

[137] Vide xiehda ta **PC1087 Roderick Degiorgio** a fol. 489-494 **u dik ta PS1255 Christian Azzopardi** a fol.399

[138] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; **Il-Pulizija vs John Zammit**; 27 ta' Novembru 2018; Appell Nru: 351/2018

jfissirx li l-Qorti ghandha turi xi klemenza mieghu molto piú meta tqis li r-reati li taghhom l-ewwel Qorti sabitu hati huma reati li jkexkxu lis-socjetá bl-aktar mod sever u huwa minn dan l-agir u komportament li l-Qorti trid tipprotegi lic-cittadini dghajfa u vulnerabbi ta' din s-socjeta, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili. ......

Il-Qorti thoss li ghandha tkun severa mieghu fl-applikazzjoni tal-piena tieghu sabiex tibghat wkoll messagg lis-socjetá li l-Qorti mhux ser taccetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qeghda hemmhekk sabiex filwaqt li taghmel gustizzja mal-akkuzat, tipprotegi wkoll minuri li jigu abbuzati.

*Għal*hekk din il-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li akkuzi bhal dawn huma ta' min jistmerrhom u *għal*hekk tali stmerrija ghandha tigi riflessa fis-sentenza.

*Multo magis* Camilleri, li kien l-ispirazzjoni unika għal fedina penali ta' proporzjon bibbliku, ma jistħoqqlu xejn għajr l-inkarċerazzjoni għal terminu daqstant iehor proporzjonali għall-għemil li pperdura; konsiderazzjoni li wasslet lil Qorti tapplika l-aggravju kontemplati bl-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Issir riferenza wkoll *għal* dak enunċjat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [139]

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u *għal*hekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[140]

Illi huwa propju *għal*hekk illi *għal* kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[141]

---

[139] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[140] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

[141] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet għallmitu; …..

Is-soċjetà ma għandiex post għall-imputat sakemm jasal dak z-zmien li juri li lest jirrispetta l-valuri tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru seba' (7) u tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numri ħamsa (5), sitta (6), tmienja (8), għaxra (10) u tnax (12) kif ukoll mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 41(1)(a), 49, 96(a), 261(b)(c)(f), 263(b), 267, 270, 278(2)(3), 279(a), 280(2), 338(ee) u 355AL(4)(5) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u ċioè l-imputazzjonijiet numri wieħed (1) sa erba' (4), it-tnejn inklużi, disa' (9), ħdax (11) u tlettax (13) kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkundannah għal **priġunerija ta' ħames (5) snin** u multa ta' **ħamest elef ewro (€5,000).**

F'każ li din il-multa ma titħallasx, din għandha tiġi konvertita f'terminu ta' priġunerija.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, lil Ministru tal-Ġustizzja kif ukoll lil Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali sabiex jiġu ikkunsidrati u jsiru l-emendi neċessarji rigward dak li tipprovdi l-liġi dwar il-postijiet ta' kustodja, għar-raġunijiet aktar 'l fuq spjegati.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**